2026/2160

22.9.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2160

tat-22 ta' Settembru 2026

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, jenħtieġ li tiġi aġġornata l-informazzjoni dwar 104 individwu u 70 entità stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-entrati għal tliet persuni deċeduti u erba' entrati oħra jitħassru minn dak l-Anness.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BYRNE

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni deċeduti li ġejjin:

"336. Yuri Nikolaevich SHVYTKIN";

"1574. Ali Reza TANGSIRI";

"1693. Alexander Georgievich LEONOV";

(2) jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entità li ġejjin:

"673. Alisher Burkhanovich USMANOV";

"675. Mikhail Maratovich FRIDMAN";

"1596. Andrey Pavlovich FALALEEV";

"620. Redbird Corporate Services Ltd";

(3) l-entrati li jikkonċernaw lill-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“204.	Aleksei Yurievich CHERNIAK (magħruf ukoll bħala Alexey Yurievich CHERNYAK) (Алексей Юрьевич ЧЕРНЯК)	Data tat-twelid: 27.8.1973 Post tat-twelid: Almaty, eks Kazakh SSR (issa Kazakhstan) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa, fil-kariga sat-13 ta’ Settembru 2022. Elett mir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea, annessa illegalment, fl-hekk imsejħa ‘kostitwenza ta’ Simferopol’. Membru tal-partit fil-gvern United Russia. Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, huwa ħadem għal aktar integrazzjoni tal-hekk imsejħa ‘Repubblika tal-Krimea’ fil-Federazzjoni Russa. Matul il-mandat tiegħu fid-Duma tal-Istat, fil-15 ta’ Frar 2022 huwa vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 ‘Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V. Putin dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk’. B’hekk huwa b’mod attiv appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	21.2.2022

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
220.	Oleg Leonydovych SALYUKOV (Олег Леонидович САЛЮКОВ)	Data tat-twelid: 21.5.1955 Post tat-twelid: Saratov, eks USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: Viċi Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa; eks Kap Kmandant tar-Russian Ground Forces Grad: Ġeneral tal-Armata Nazzjonalità Russa Sess: raġel	Il-Ġeneral tal-Armata Oleg Salyukov ilu l-Kap Kmandant tar-Russian Ground Forces mill-2014 u l-viċi kmandant tal-Joint Group of Russian Forces mill-11 ta' Jannar 2023. Għalhekk huwa responsabbli għall-operazzjonijiet Russi fuq l-art fl-Ukrajna jew immirati lejha. Huwa involut ukoll fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti patrijottiċi li għandhom l-għan li jrawmu l-appoġġ għall-armata Russa. Fil-15 ta' Mejju 2025, Oleg Salyukov inħatar Viċi Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa permezz tad-digriet tal-President Vladimir Putin. Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, li b'mod attiv qed jappoġġa u jimplimenta dawk l-azzjonijiet u l-politiki.	23.2.2022
351.	Airat Zakievich FARRAKHOV (Айрат Закиевич ФАРРАХОВ)	Data tat-twelid: 17.2.1968 Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 'Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V. Putin dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
379.	Aydyn Nikolaevich SARYGLAR (Айдын Николаевич САРЫГЛАР)	Data tat-twelid: 22.2.1988 Sess: raġel Funzjoni: Sindku tal-Belt ta' Kyzyl	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 'Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V. Putin dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	23.2.2022
437.	Anatoliy Vladimirovich VORONOVSKIY (Анатолий Владимирович ВОРОНОВСКИЙ)	Data tat-twelid: 28.12.1966 Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-Riżoluzzjoni Nru 58243-8 'Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa lill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	23.2.2022

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
460.	Viktor Viktorovich DSJUBA (Виктор Викторович ДЗЮБА)	Data tat-twelid: 10.8.1977 Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 'Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V. Putin dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	23.2.2022
658.	Viktor Vladimirovich GULEVICH (Виктор Владимирович ГУЛЕВИЧ)	Data tat-twelid: 14.5.1969 Post tat-twelid: Vyalikaya Padzer, distrett ta' Slutsk, reġjun ta' Minsk, eks USSR (issa Belarus) Nazzjonalità Belarussa Sess: raġel	Viktor Gulevich huwa l-eks Kap tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati Belarussi – L-Ewwel Viċi Ministru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja. Huwa kien membru tal-armata Belarussa, li appoġġat l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna. F'din il-pożizzjoni huwa appoġġa, issorvelja u kkummenta pubblikament dwar l-eżerċizzji militari konġunti tal-Belarussja u r-Russja li ħejjew u ffaċilitaw l-aggressjoni militari Russa tal-24 ta' Frar 2022. Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u li qed jappoġġa b'mod attiv dawk l-azzjonijiet.	25.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
674.	Petr Olegovich AVEN (Пётр Олегович АВЕН)	Data tat-twelid: 16.3.1955 Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: negozjant ewlieni qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin; wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group Sess: raġel Individwi assoċjati: il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin; Mikhail Fridman; German Borisovich Khan; Alexey Kuzmichev Entitajiet assoċjati: JSC Voentorg	Petr Aven huwa negozjant Russu b'rabtiet mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, li jmorru lura għall-bidu tas-snin disgħin. Huwa għandu parteċipazzjoni azzjonarja sinifikanti f'ABH Holdings, li kienet tikkontrolla bank Russu ewlieni, Alfa Bank, u għadha tikkontrolla kumpaniji oħra ta' Alfa Group. It-trasferiment tal-ishma tiegħu f'A1, li tagħmel parti minn Alfa Group, jitqies bħala fittizju. Huwa wkoll azzjonist tad-ditta tal-investiment LetterOne. Huwa wieħed minn madwar 50 negozjant għani Russu li jiltaqgħu regolarment mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fil-Kremlin. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Petr Aven, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru taċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, li tagħmel parti minn Alfa Group Consortium, tipprovdi assigurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tiegħu joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll lill-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. AlfaStrakhovanie pprovdiet ukoll assigurazzjoni lil kumpaniji bħal JSC Kalashnikov Concern u Central Scientific-Research Institute for Precision Machine Engineering (TsNIITochMash), li l-armi tagħhom jintużaw b'mod mifrux mill-militar Russu fl-Ukrajna, u ntużaw ukoll matul l-atroċitajiet f'Bucha.	28.2.2022

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk, Petr Aven huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. B'mod attiv appoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnhom. Appoġġa wkoll azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Fl-2024, l-awtoritajiet Russi esproprjaw id-drittijiet ta' proprjetà ta' kumpaniji azzjonarji tal-Unjoni fil-kumpanija azzjonarja Russa ta' Alfa Bank, JSC AB Holding, u stipulaw li azzjonisti indiretti, bħal Aven, kellhom isiru azzjonisti diretti tal-kumpanija azzjonarja Russa. Sussegwentement Aven biegħ id-drittijiet ta' proprjetà diretti ġodda tiegħu lil parti terza, u b'hekk kiseb pagament konsiderevoli fir-Russja. Għalhekk huwa persuna li fixklet b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK. Huwa bbenefika wkoll minn trasferiment obbligatorju ta' sjieda jew kontroll ta' entità stabbilita fir-Russja, li qabel kienet proprjetà ta' entitajiet stabbiliti fl-Unjoni jew ikkontrollata minnhom, mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa permezz ta' liġijiet, regolamenti, strumenti leġiżlattivi oħra jew xi azzjoni oħra ta' awtorità pubblika Russa.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
684.	Alexander Anatolyevich PONOMARENKO (Александр Анатольевич ПОНОМАРЕНКО)	Data tat-twelid: 27.10.1964 Post tat-twelid: Bilohirsk, eks Ukrainian SSR (issa Ukraine) Funzjoni: eks President tal-Bord tal-Ajruport Internazzjonali ta' Sheremetyevo Sess: raġel Individwu assoċjat: Arkady Rotenberg	Alexander Ponomarenko huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Huwa l-eks President tal-Bord tal-Ajruport Internazzjonali ta' Sheremetyevo. Flimkien ma' Arkady Rotenberg u Alexander Skorobogatko huwa sid l-Ajruport Moscow-Domodedovo kif ukoll l-Ajruport Internazzjonali ta' Sheremetyevo. Huwa għandu ishma f'TPS Real Estate. Huwa involut fil-finanzjament tal-kumpless tal-palazz qrib Gelendzhik, li jintuża mill-President Putin personalment. Għalhekk, Alexander Ponomarenko huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u jappoġġa lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u jibbenefika minnhom. Huwa assoċjat ma' Arkady Rotenberg.	28.2.2022

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
721.	Andrey Igorevich MELNICHENKO (Андрей Игоревич МЕЛЬНИЧЕНКО)	Data tat-twelid: 8.3.1972 Post tat-twelid: Homel, USSR (issa Belarus) Funzjoni: eks direttur mhux eżekuttiv ta' JSC SUEK; eks membru tal-Bord ta' EuroChem Group Nazzjonalità: Russa, Emiratjana Sess: raġel	Andrey Melnichenko huwa industrijalist Russu li għadu jikkontrolla l-produttur ewlieni tal-fertilizzanti EuroChem Group u l-kumpanija tal-faħam SUEK. Fid-9 ta' Marzu 2022, Melnichenko ttrasferixxa l-interessi tiegħu f'SUEK u f'EuroChem Group lill-konjuġi tiegħu Aleksandra Melnichenko. Andrey Melnichenko għadu jibbenefika mill-ġid li ttrasferixxa lil martu. Il-ġid tiegħu żdied b'mod konsiderevoli ħafna f'dawn l-aħħar snin. Andrey Melnichenko jappartjeni għaċ-ċirku l-aktar influwenti ta' negozjanti Russi b'rabtiet mill-qrib mal-Gvern Russu, kif jidher mill-involviment tiegħu mal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri, fejn għandu l-pożizzjoni ta' membru tal-Bureau tal-Bord u huwa l-President tal-Kumitat dwar il-Politika dwar il-Klima u r-Regolazzjoni tal-Karbonju. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Andrey Melnichenko, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent, u b'hekk wera l-importanza tiegħu bħala negozjant ewlieni fir-Russja. F'April 2024, Melnichenko pparteċipa fil-kungress tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin għamel diskors fejn iddiskuta l-kooperazzjoni bejn l-istat Russu u l-kumpaniji ewlenin tal-pajjiż. Dawk l-elementi juru li Andrey Melnichenko huwa negozjant ewlieni kif ukoll negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tar-Russja, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
723.	Dmitry Arkadievich MAZEPIN (Дмитрий Аркадьевич МАЗЕПИН)	Data tat-twelid: 18.4.1968 Post tat-twelid: Minsk, USSR (issa Belarus) Funzjoni: Eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' JSC UCC Uralchem Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Dmitry Mazepin huwa sid ewlieni u eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-kumpanija tal-fertilizzanti minerali Uralchem. Uralchem Group huwa manifattur Russu ta' firxa wiesgħa ta' prodotti kimiċi, fosthom fertilizzanti minerali u nitrat tal-ammonju. Skont il-kumpanija, hija l-akbar produttur ta' nitrat tal-ammonju kif ukoll it-tieni-l-akbar produttur ta' ammonijaka u ta' fertilizzanti nitroġenużi fir-Russja. Għalhekk Dmitry Mazepin huwa negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Uralchem Group ilu jipprovdi nitrat lil Bryansk Chemical Plant, li tipproduċi komponenti tas-sistemi Grad ta' llanċjar ta' rokits multipli. Għalhekk Dmitry Mazepin qed jappoġġa materjalment jew finanzjarjament, il-kumpless militari u industrijali Russu.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Dmitry Mazepin, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Dan juri wkoll li huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Barra minn hekk kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kungress tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-'patrijottiżmu qabel il-profitt'. F'Diċembru 2021 Dmitry Mazepin irreġistra mill-ġdid il-kumpaniji tiegħu bbażati fl-UE, Uralchem Holding u CI-Chemical Invest, li jikkontrollaw lil 'Uralchem', biex jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni Russa fid-distrett amministrattiv speċjali tal-Gżira ta' Oktyabrsky fir-Reġjun ta' Kaliningrad	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
880.	German Borisovich KHAN (bir-Russu: Герман Борисович ХАН)	Data tat-twelid: 24.10.1961 Post tat-twelid: Kyiv, USSR (issa Ukraine) Funzjoni: negozjant ewlieni qrib Vladimir Putin; wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Vladimir Putin, Mikhail Fridman, Petr Aven, Alexey Kuzmichev Entitajiet assoċjati: Alfa Group, Alfa Bank	German Khan huwa negozjant Russu li għandu relazzjoni mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, simili għal sħabu fin-negozju Mikhail Fridman, Petr Aven u Alexey Kuzmichev. F'Marzu 2022 ittrasferixxa l-ishma tiegħu f'ABH Holdings, li tikkontrolla bank Russu ewlieni, Alfa Bank, lil Andrei Kosogov li ilu snin twal sieħbu fin-negozju. Madankollu, dan it-trasferiment ġie ddikjarat null u bla effett mill-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna. Barra minn hekk, it-trasferiment tal-ishma tiegħu f'A1, li tagħmel parti minn Alfa Group, jitqies bħala fittizju. Khan kellu wkoll sehem importanti f'Rosvodokanal, kumpanija oħra ta' Alfa Group u wieħed mill-operaturi privati ewlenin tal-utilitajiet tal-ilma fir-Russja. Kien ukoll azzjonist tad-ditta tal-investiment LetterOne. Huwa kompla jimmaniġġa l-assi ta' Alfa Group ibbażati fir-Russja. Huwa maħsub li huwa wieħed mill-aktar persuni influwenti fir-Russja. Skambja xi pjaċiri mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin biex jingħata appoġġ politiku għan-negozju tiegħu u għal qligħ finanzjarju. Barra minn hekk kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kungress tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-'patrijottiżmu qabel il-profitt'.	15.3.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, li tagħmel parti minn Alfa Group Consortium, tipprovdi assigurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tiegħu joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll lill-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. AlfaStrakhovanie pprovdiet ukoll assigurazzjoni lil kumpaniji bħal JSC Kalashnikov Concern u Central Scientific-Research Institute for Precision Machine Engineering (TsNIITochMash), li l-armi tagħhom jintużaw b'mod mifrux mill-militar Russu fl-Ukrajna, u ntużaw ukoll matul l-atroċitajiet f'Bucha. Għalhekk German Khan huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. German Khan jappoġġa wkoll materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew id-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u jibbenefika minnhom.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
882.	Alexey Viktorovich KUZMICHEV (magħruf ukoll bħala Alexey Viktorovich KUZMICHOV) (bir-Russu: Алексей Викторович КУЗЬМИЧЁВ)	Funzjoni: negozjant ewlieni; wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group Data tat-twelid: 15.10.1962 Post tat-twelid: Kirov, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Mikhail Fridman, Petr Aven, German Khan Entitajiet assoċjati: Alfa Group, Alfa Bank	Alexey Kuzmichev huwa azzjonist ewlieni ta' Alfa Group Consortium. Huwa klassifikat fost l-aktar persuni influwenti fir-Russja. Kuzmichev huwa wkoll azzjonist importanti ta' X5 Retail Group, waħda mill-aktar kumpaniji importanti tal-bejgħ bl-imnut fir-Russja, kif ukoll ta' Rosvodokanal, kumpanija oħra tal-Alfa Group Consortium u wieħed mill-operaturi privati ewlenin tal-utilitajiet tal-ilma fir-Russja. Barra minn hekk, it-trasferiment tal-ishma tiegħu f'A1, li huwa parti mill-Alfa Group, jitqies bħala fittizju. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, sussidjarja ta' Alfa Group Consortium, tipprovdi assigurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tiegħu joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll il-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin. AlfaStrakhovanie pprovdiet assigurazzjoni lil kumpaniji bħal JSC Kalashnikov Concern u s-Central Scientific-Research Institute for Precision Machine Engineering (TsNIITochMash), li l-armi tagħhom jintużaw ħafna mill-militar Russu fl-Ukrajna u ntużaw ukoll matul l-atroċitajiet f'Bucha.	15.3.2022

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Barra minn hekk, X5 Retail Group, sussidjarja oħra ta' Alfa Group Consortium, tikkoopera ma' JSC Voentorg, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tipprovdi servizzi ta' catering u ta' ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari, lill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u li s-sussidjarja tagħha tbigħ T-shirts bis-simbolu militari 'Z' użat mill-propagandisti Russi biex jippromwovu l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, Alexey Kuzmichev kien membru tal-Kunsill Affarijiet Internazzjonali Russu, grupp ta' riflessjoni li jwassal il-propaganda tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar l-Ukrajna u l-gwerra kontra dak il-pajjiż. Alexey Kuzmichev huwa għalhekk negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. B'mod attiv jappoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u jibbenefika minnhom.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
891.	Suleyman Abusaidovich KERIMOV (bir-Russu: Сулейман Абусаидович КЕРИМОВ)	Data tat-twelid: 12.3.1966 Post tat-twelid: Derbent, Dagestan, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa kif ukoll tal-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Proċedura u l-Governanza Parlamentari; eks sid tal-grupp finanzjarju u industrijali Nafta Moscow Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Suleyman Kerimov huwa negozjant Russu ewlieni u membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa kif ukoll tal-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Proċedura u l-Governanza Parlamentari. Huwa l-eks sid tal-grupp finanzjarju u industrijali Nafta Moscow. L-istima tal-valur nett ta' Kerimov u ta' familtu hija ta' USD 25,7 biljun. Irċieva ammonti kbar ta' flus mingħand Sergei Roldugin, li huwa l-gwardjan tal-ġid tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Fl-24 ta' Frar 2022, Kerimov attenda laqgħa tan-negozjanti ewlenin mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fil-Kremlin biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti ewlenin qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Għalhekk huwa negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	15.3.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
903.	Elena Petrovna TIMCHENKO (imwielda ERMAKOVA (YERMAKOVA)) (Елена Петровна ТИМЧЕНКО (ЕРМАКОВА))	Funzjoni: Kopresident ta' Foundation Timchenko Nazzjonalità: Russa, Finlandiża Individwu assoċjat: Gennady Timchenko (żewġha) Sess: mara	Elena Timchenko hija mart Gennady Timchenko, li ilu żmien twil jaf lill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, u huwa wieħed mill-persuni ta' fiduċja tiegħu. Flimkien ma' żewġha tamministra l-kumpanija immobiljari Sci Ruth, u akkwistat proprjetà immobbli flimkien miegħu, li juri rabtiet importanti ta' proprjetà bejniethom. Elena Timchenko qdiet rwol importanti u kienet assoċjata mill-qrib ma' żewġha fit-Timchenko Foundation, li twettaq uħud mill-attivitajiet tagħha b'rabta mal-grupp ta' investiment Volga Group, li Gennady Timchenko huwa fundatur u azzjonist tiegħu u li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija tar-Russja u l-iżvilupp tagħha. Għalhekk Elena Timchenko hija assoċjata ma' Gennady Timchenko, li huwa ddeżinjat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, fost affarijiet oħra minħabba li huwa responsabbli li appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u li appoġġa finanzjarjament u materjalment lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnhom.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
921.	Igor Arkadyevich ROTENBERG (Игорь Аркадьевич РОТЕНБЕРГ)	Data tat-twelid: 9.5.1973 Post tat-twelid: Leningrad, USSR, (issa St. Petersburg, Russian Federation) Individwi assoċjati: Arkady Rotenberg (missieru), Boris Rotenberg (zijuh) Entitajiet assoċjati: il-grupp SGM (Stroygazmontazh) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Rotenberg huwa negozjant Russu prominenti, u l-ewwel iben ta' Arkady Rotenberg. Huwa l-eks sid ta' Gazprom Drilling u eks azzjonist fi Platon Electronic Toll Collection system. Minħabba l-pożizzjonijiet tiegħu fil-passat f'intrapriżi Russi ewlenin li rċevew kuntratti tal-istat kbar u favorevoli, kif ukoll ir-rabtiet tiegħu mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, Igor Rotenberg għadu jibbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja u mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, it-tnejn li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. B'mod partikolari, Igor Rotenberg uża r-relazzjonijiet tiegħu ma' persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja u mal-Gvern Russu biex iċedi l-ishma tiegħu bl-appoġġ tal-Istat u b'hekk iġġenera profitti sostanzjali, kif jidher mill-ġid tiegħu li qed jiżdied b'mod kostanti, li permezz tiegħu għadu qed japprofitta mill-pożizzjonijiet li kellu. B'mod partikolari, huwa qed jibbenefika mill-Gvern Russu permezz tar-rwol tiegħu bħala President tal-Bord tad-Diretturi fil-kumpanija azzjonarja Roskhim, li takkwista kumpaniji li qabel ikunu ġew issekwestrati mill-Gvern Russu fis-settur kimiku. Barra minn hekk, Igor Rotenberg huwa persuna fiżika assoċjata ma' Arkady Rotenberg u mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, it-tnejn li huma inklużi fil-lista taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għalhekk Igor Rotenberg għadu jibbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja u mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, it-tnejn li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
960.	Evgeny Anatolievich KATSAVALOV (Евгений Анатольевич КАЦАВАЛОВ)	Data tat-twelid: 11.2.1972 Sess: raġel	Kien l-ħekk imsejjaħ 'Ministru għas-Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza u l-Ġestjoni tad-Diżastri' tal-ħekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'; ingħata l-grad ta' Logutenent Ġeneral fl-2024. Bħalissa, Evgeny Katsavalov huwa l-Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Ministeru Russu għas-Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza għall-ħekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. Fil-kapaċitajiet preċedenti u attwali tiegħu, huwa b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
968.	Svetlana Nikolaevna PODLIPAEVA (Светлана Николаевна ПОДЛИПАЕВА)	Data tat-twelid: 16.9.1968 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 34595908919313 Sess: mara	L-ħekk imsejħa 'Viċi President tal-Gvern' u eks 'Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku' tal-ħekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. Billi assumiet din il-kapaċità u aġixxiet fiha, hija b'mod attiv dgħajfet l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
971.	Yuriy Anatolievich DEGTYAREV (Юрий Анатольевич ДЕГТЯРЕВ)	Data tat-twelid: 15.5.1960 Sess: raġel	Kien l-ħekk imsejjaħ 'Ministru għar-Riżorsi Naturali u s-Sigurtà Ambjentali' tal-ħekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, huwa b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
974.	Olga Alexandrovna MAKEEVA (Ольга Александровна МАКЕЕВА/ Ольга Олександрівна МАКЄЄВА)	Data tat-twelid: 21.1.1974 Sess: mara Tel: +7(499) 9950905	Eks membru tal-hekk imsejjaħ 'Kunsill tal-Poplu' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Hija nħatret 'Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk għall-Federazzjoni Russa'. Għalhekk hija appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	8.4.2022
991.	Yulia Valentinovna MIKHAILOVA (Юлия Валентиновна МИХАЙЛОВА / Юлія Валентинівна МИХАЙЛОВА)	Data tat-twelid: 14.7.1991 Sess: mara	Eks membru tal-hekk imsejjaħ 'Kunsill tal-Poplu' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' u eks membru tal-Kumitat għax-Xogħol, il-Politika Soċjali u l-Affarijiet tal-Veterani. Bħalissa, Yulia Mikhailova hija impjegata tal-Uffiċċju Rappreżentattiv tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' f'Moska. Fil-kapaċitajiet preċedenti u attwali tagħha, hija appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	8.4.2022

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1106.	Nelli Akopovna ZADIRAKA (Нелли Акоповна ЗАДИРАКА)	Data tat-twelid: 24.8.1949 Post tat-twelid: Akhaltsikhe, USSR (issa Georgia) Sess: mara	Nelli Zadiraka, President tal-Kunsill tal-belt ta' Rubizhne, hija eks membru tal-hekk imsejjaħ 'Kunsill tal-Poplu' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. Għalhekk hija appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	8.4.2022
1107.	Dmitry Aleksandrovich KHOROSHILOV (Дмитрий Александрович ХОРОШИЛОВ; Дмитро Олександрович ХОРОШИЛОВ)	Data tat-twelid: 20.12.1982 Sess: raġel	Viċi President tal-hekk imsejjaħ 'Kunsill tal-Poplu' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. Għalhekk huwa appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	8.4.2022
1108.	Andrei Fiodorovich SOPELNIK (Андрей Федорович СОПЕЛЬНИК; Андрій Федорович СОПЕЛЬНИК)	Data tat-twelid: 16.3.1975 Sess: raġel	L-Ewwel Viċi President tal-hekk imsejjaħ 'Kunsill tal-Poplu' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. Għalhekk huwa appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1111.	Azatbek Asanbekovich OMURBEKOV (bir-Russu: Азатбек Асанбекович ОМУРБЕКОВ)	Maġġur Ġeneral Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Il-Maġġur Ġeneral Azatbek Omurbekov, kap tat-329nd Military Training Center, huwa l-eks kmandant ta' 64th Separate Motorised Rifle Brigade of the 35th Combined Arms Army of the Russian Federation, li qatlet, stuprat u ttorturat lill-popolazzjoni ċivili f'Bucha, l-Ukrajna. Dawn l-atroċitajiet jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra. Huwa ngħata t-titlu ta' Eroj tar-Russja. Huwa kien qed imexxi l-azzjonijiet tal-unità militari tiegħu u ngħata l-laqam 'il-Biċċier ta' Bucha' minħabba r-responsabbiltà diretta tiegħu fil-qtil, l-istupri u t-tortura f'Bucha. Għalhekk huwa qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	3.6.2022
1160.	Tatiana Aleksandrovna NAVKA (bir-Russu: Татьяна Александровна НАВКА)	Data tat-twelid: 13.4.1975 Post tat-twelid: Ukraine Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Tatiana Navka hija mart Dmitry Peskov, segretarju tal-istampa tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, li ġie inkluż fil-lista skont id-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Tatiana Navka hija koproprjetarja ta' kumpanija u ta' proprjetà li tinsab, fost oħrajn, fil-Krimea, annessa illegalment mill-Federazzjoni Russa. Hija torganizza spettakli fuq is-silġ li jallinjaw man-narrattivi ta' propaganda tal-Kremlin. Għalhekk hija qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija assoċjata ma' persuna inkluża fil-lista li b'mod attiv appoġġat azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	3.6.2022

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1173.	Eduard Yurevich KHUDAYNATOV (Эдуард Юрьевич ХУДАЙНАТОВ)	Data tat-twelid: 11.9.1960 Post tat-twelid: Shymkent, eks USSR (issa Kazakhstan) Nazzjonalità: Russa Numru tal-passaport: 753296761 (Russu) Sess: raġel	Eduard Khudaynatov huwa negozjant Russu involut fis-settur tal-enerġija. Huwa sid 'Independent Oil and Gas Company' (NNK, JSC Neftegazholding), waħda mill-akbar kumpaniji privati Russi u wieħed mill-produtturi ewlenin taż-żejt, li twettaq prospettar, esplorazzjoni u żvilupp ta' siti ta' estrazzjoni taż-żejt u tal-gass, raffinar taż-żejt, kif ukoll produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti petroliferi. Fl-2015 id-dħul tal-kumpanija ammonta għal USD 2,2 biljun. F'dawn l-aħħar snin NNK akkwistat ishma sinifikanti f'kumpaniji involuti fis-settur tal-enerġija, bħal Varyeganneftegaz, flimkien mal-liċenzji ta' estrazzjoni tagħhom, mingħand Rosneft li hija proprjetà tal-Istat. Barra minn hekk, NNK biegħet diversi siti ta' estrazzjoni taż-żejt lil Rosneft, li wara saret parti mill-proġett Vostok Oil. F'dawn l-aħħar ftit snin Rosneft ħallset ukoll USD 9,6 biljun lil Khudaynatov bi skambju għal kumpanija li hija proprjetarja ta' sit ta' estrazzjoni taż-żejt f'Taimyr. Fl-2019, NNK u Rosneft talbu lill-President Putin, u kisbu mingħandu, benefiċċji marbuta mal-attivitajiet ta' estrazzjoni tagħhom fl-Artiku. Khudaynatov huwa assoċjat mal-oligarka Russu Igor Sechin u mal-President Vladimir Putin.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Khudaynatov u Sechin ħadmu flimkien f'Rosneft, u l-kumpaniji tagħhom qed iwettqu attivitajiet kummerċjali flimkien fis-settur tal-enerġija. Huwa ħadem fuq l-ewwel kampanja elettorali presidenzjali ta' Putin fis-sena 2000, u mmaniġġaha fir-reġjun ta' Tyumen fejn huwa kien ilu mill-1997 membru reġjonali tad-Duma. Irċieva l-Ordni għall-Mertu lejn il-Patrija talli 'saħħaħ il-pożizzjoni tar-Russja fis-suq dinji tal-enerġija u tejjeb il-prospetti ta' investiment tagħha'. Għalhekk Eduard Khudaynatov huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Huwa qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u huwa assoċjat ma' persuni inklużi fil-lista.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1264.	Sayed Hojatollah QUREISHI (سید حجت الله قریشی) (magħruf ukoll bħala Sayyed Hojatolah GHOREISHI)	Data tat-twelid: 27.9.1964 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Ġeneral Pożizzjoni: Viċi Kmandant Koordinatur tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (minn Ottubru 2025) Passaport: N42881363 (Iran) li skada fl-10.10.2022; passaport alternattiv D9021706 (Iran) li skada fl-14.7.2021; passaport alternattiv D10007155 (Iran) li skada fis-17.8.2025; passaport alternattiv A59655618 (Iran) li jiskadi fil-15. 9.2027; numru tal-identità nazzjonali 5929869741 (Iran)	Il-Ġeneral Sayed Qureishi ilu Viċi Kmandant Koordinatur tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika minn Ottubru 2025. Qabel kellu l-pożizzjoni ta' Viċi Ministru għad-Difiża fil-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran minn Jannar 2024. Qabel kien il-Kap tad-Diviżjoni tal-Provvista, ir-Riċerka u l-Affarijiet Industrijali fil-MODAFL u kien responsabbli għan-negozjar tal-ftehim mal-Federazzjoni Russa b'rabta mal-forniment ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) immanifatturati fl-Iran biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-Ġeneral Sayed Qureishi huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u qed jappoġġa dawk l-azzjonijiet.	20.10.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1271.	Hamid VAHEDI (حمید واحدی)	Data tat-twelid: 14.4.1965 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: konsulent tal-Affarijiet tal-Ajru tal-Kap Kmandant tal-Armata	Il-Brigadier Ġeneral Hamid Vahedi huwa l-konsulent tal-affarijiet tal-ajru tal-kap kmandant tal-Armata. Huwa kien il-Kap Kmandant tal-Forza tal-Ajru tal-Iran. F'din il-pożizzjoni huwa involut fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-programm Iranjan ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs), l-esportazzjonijiet ta' UAVs u l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża mal-Federazzjoni Russa f'dan il-qasam, li kollha wasslu biex il-UAVs Iranjani jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk il-Brigadier Ġeneral Hamid Vahedi qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
1308.	Alexander Nikolayevich NEKRASOV (Александр Николаевич НЕКРАСОВ)	Data tat-twelid: 20.06.1963 Post tat-twelid: Severodvinsk, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Nekrasov huwa eks membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni li fl-4 ta' Ottubru 2022 irratifika l-erba' trattati bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk, ir-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk, ir-reġjun ta' Zaporizhzhia, u r-reġjun ta' Kherson, u l-ammissjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	16.12.2022

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1312.	Nikolay Viktorovich LYUBIMOV (Николай Викторович ЛЮБИМОВ)	Data tat-twelid: 21.11.1971 Post tat-twelid: Kaluga, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Nikolay Lyubimov huwa eks membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni li fl-4 ta' Ottubru 2022 irratifika l-erba' trattati bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk, ir-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk, ir-reġjun ta' Zaporizhzhia, u r-reġjun ta' Kherson, u l-ammissjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	16.12.2022
1317.	Alexander Mikhailovich TERENTYEV (Александр Михайлович ТЕРЕНТЬЕВ)	Data tat-twelid: 13.06.1961 Post tat-twelid: Verkhny Uslon, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Terentyev huwa eks membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni li fl-4 ta' Ottubru 2022 irratifika l-erba' trattati bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk, ir-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk, ir-reġjun ta' Zaporizhzhia, u r-reġjun ta' Kherson, u l-ammissjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	16.12.2022
1365.	Olga PISMENSKAYA (Ольга ПИСЬМЕНСКАЯ)	Data tat-twelid: 21.7.1996 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Għoli Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 361902474053	Il-Logutenent Għoli Olga Pismenskaya hija membru tal-Missile Pre-Planning unit at the Main Computing Centre of the General Staff (GVC) of Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol hija figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għalhekk il-Logutenent Għoli Olga Pismenskaya hija persuna fiżika responsabbli li appoġġat jew implimentat azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1376.	Anton Yurievich TIMOSHINOV (Антон Юрьевич ТИМОШИНОВ)	Data tat-twelid: 29.1.1986 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Kurunell Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 773128151404	Il-Logutenent Kurunell Anton Timoshinov huwa Kmandant tal-Missile Pre-Planning unit at the Main Computing Centre of the General Staff (GVC) of Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għalhekk il-Logutenent Kurunell Anton Timoshinov huwa persuna fiżika responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1383.	Andrey Leonidovich SIGUTA (Андрей Леонидович СИГУТА/ Андрій Леонідович СІГУТА)	Data tat-twelid: 5.5.1979 Post tat-twelid: Berdyansk, reġjun ta' Zaporizhzhia, eks Ukrainian SSR (issa Ukraine) Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel Indirizz: 26 30-letia Pobedi Blvd., Apt. 3, Melitopol, Zaporizhzhia region, Ukraine Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa 2897911059 (Ukrajna)	Andrey Leonidovich Siguta huwa l-eks aġent kap maħtur mir-Russja tal-amministrazzjoni militari-ċivili tad-distrett ta' Melitopol. Fir-rwol tiegħu issorvelja s-sekwestru ta' prodotti agrikoli u ċereali Ukreni għat-trasferiment tagħhom fir-Russja. Bħalissa Andrey Leonidovich Siguta qed iservi bħala Aġent Ministru għall-Agrikoltura u l-Politika tal-Ikel fl-Oblast okkupat ta' Zaporizhzhia tal-Ukrajna u huwa membru tal-partit United Russia. Għalhekk huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1397.	Igor Yuryevich BABUSHKIN (Игорь Юрьевич БАБУШКИН)	Data tat-twelid: 5.4.1970 Post tat-twelid: Rybinsk, reġjun ta' Yaroslavl, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 773460814022	Igor Babushkin huwa l-gvernatur tal-Oblast ta' Astrakhan, maħtur mill-President Vladimir Putin. Fir-rwol tiegħu bħala gvernatur Igor Babushkin jamministra korp statali reġjonali tal-Federazzjoni Russa u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-istat fil-livell reġjonali. Huwa esprima appoġġ għar-rikonoxximent illegali tal-hekk imsejħa indipendenza tal-hekk imsejħa Repubbliki tal-Popli ta' Donetsk u Luhansk u għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala gvernatur Igor Babushkin ibbenefika mill-emendi tal-President Vladimir Putin għal-liġi amministrattiva Russa, li jagħtuh l-għażla li jibqa' fil-poter għal snin addizzjonali. Igor Babushkin huwa involut ukoll fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u fl-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Igor Babushkin jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiv tal-Ukrajna. Għalhekk Igor Babushkin huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1426.	Yevgeny Alexandrovich PRIMAKOV magħruf ukoll bħala Yevgeny Primakov Jr magħruf ukoll bħala Yevgeny Sandro (Евгений Александрович ПРИМАКОВ magħruf ukoll bħala Евгений Примаков-младший magħruf ukoll bħala Евгений Сандро)	Data tat-twelid: 29.4.1976 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yevgeny Primakov huwa l-eks Kap tal-Aġenzija Federali għall-Komunità ta' Stati Indipendenti, Kompatrijotti li Jgħixu Barra u l-Kooperazzjoni Umanitarja Internazzjonali (Rossotrudnichestvo), korp eżekuttiv federali responsabbli għall-għoti ta' servizzi statali u l-ġestjoni tal-proprjetà tal-istat biex jappoġġa u jiżviluppa relazzjonijiet internazzjonali bejn il-Federazzjoni Russa u l-istati membri tal-Komunità ta' Stati Indipendenti u pajjiżi barranin oħra, kif ukoll fl-isfera tal-kooperazzjoni umanitarja internazzjonali. Rossotrudnichestvo torganizza b'mod attiv avvenimenti internazzjonali mmirati lejn il-konsolidazzjoni ta' perċezzjoni pubblika usa' tat-territorji Ukreni okkupati bħala Russi. Bħala l-Kap tal-organizzazzjoni, Yevgeny Primakov wera biċ-ċar appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1437.	Kirill Alekseevich LYSOGORSKY (Кирилл Алексеевич ЛЫСОГОРСКИЙ)	Funzjoni: L-Ewwel Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa; eks Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 19.4.1986 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Kirill Lysogorsky huwa l-Ewwel Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa. Kien il-Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ minn Ottubru 2022 sa Diċembru 2025. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ huwa l-korp eżekuttiv federali responsabbli għall-iżvilupp tal-politika tal-istat u r-regolamentazzjoni legali fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-kumpless militari industrijali, l-attivitajiet spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-avjazzjoni. Il-Ministeru jissorvelja l-industrija tal-armi u tad-difiża tar-Russja u għandu rwol kruċjali fl-akkwist ta' tagħmir militari li jintuża fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kapaċitajiet preċedenti u attwali tiegħu, huwa responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1460.	Alexander Semyonovich SANCHIK (Александр Семёнович САНЧИК)	Funzjoni: Mexxej militari Russu, Kurunell Ġeneral; Viċi Ministru tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 15.10.1966 Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Alexander Sanchik huwa mexxej militari Russu, u l-Viċi Ministru tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Huwa eks Kmandant ta' Eastern Military District (minn Mejju 2024 sa Novembru 2024), l-eks Kmandant ta' South Group of Forces (minn Novembru 2024 sa Novembru 2025), eks l-Ewwel Viċi Kmandant ta' Eastern Military District (mill-2023 sal-2024) u eks Kmandant ta' 35th Combined Arms Army. It-35th Combined Arms Army attakkat lill-Ukrajna mit-Tramuntana. Bħala Kmandant ta' 35th Combined Arms Army kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-unità tiegħu. Għalhekk Alexander Sanchik huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1463.	Evgeny Nikolaevich ZHURAVLEV (Евгений Николаевич ЖУРАВЛЕВ)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Maġġur Ġeneral; Kmandant ta' 68th Army Corps; eks Kmandant ta' Guards 4th (Kantemirovskaya) Tank Division of the Tank Army of the Western Military District Data tat-twelid: 20.3.1978 Post tat-twelid: Khabarovsk Territory, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Evgeny Zhuravlev huwa mexxej militari Russu, Kmandant tas-68th Army Corps u eks Kmandant tal-Guards 4th (Kantemirovskaya) Tank Division of the Tank Army of the Western Military District. Il-Guards 4th (Kantemirovskaya) Tank Division ħadet sehem fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala Kmandant tal-Guards 4th (Kantemirovskaya) Tank Division, huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-unità tiegħu. Għalhekk Evgeny Zhuravlev huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1467.	Mikhail Yuryevich TEPLINSKIY (Михаил Юрьевич ТЕПЛИНСКИЙ)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Kurunell Ġeneral Kap ta' Dnipro Group of Forces of the Russian Federation Kmandant ta' Airborne Forces of the Armed Forces of the Russian Federation Data tat-twelid: 9.1.1969 Post tat-twelid: Mospyne, Donetsk oblast, eks Ukrainian SSR (issa Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Mikhail Teplinskiy huwa mexxej militari Russu, u l-Kap tad-Dnipro Group of Forces of the Russian Federation. Id-Dnipro Group of Forces of the Russian Federation qed iwettaq offensivi militari fl-Ukrajna tan-Nofsinhar. Mikhail Teplinskiy huwa għalhekk involut b'mod attiv fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kampanja militari tal-forzi Russi fl-Ukrajna tan-Nofsinhar. Mikhail Teplinskiy huwa Kmandant ta' Airborne Forces of the Armed Forces of the Russian Federation. L-Airborne Forces of the Armed Forces of the Russian Federation ipparteċipaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u kienu fuq il-post fejn seħħ l-isparar fuq ir-residenti ta' Bucha. Bħala Kmandant ta' Airborne Forces of the Armed Forces of the Russian Federation, Mikhail Teplinskiy huwa responsabbli għall-azzjonijiet ta' dik l-unità. Għalhekk Mikhail Teplinskiy huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1472.	Lenara Khakimovna IVANOVA (Ленара Хакимовна ИВАНОВА)	Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 31.12.1969 Post tat-twelid: Neftekamsk, Bashkir l-eks ASSR, eks USSR (issa Russian Federation) Sess: mara	Lenara Ivanova hija l-eks Viċi Prim Ministru tal-Gvern tar-Repubblika ta' Bashkortostan, u l-eks Ministru għall-Familja, ix-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali tar-Repubblika ta' Bashkortostan. F'dawk ir-rwoli kienet responsabbli għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn il-Federazzjoni Russa. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, ir-Russja ttrasferiet ħafna persuni ċivili Ukreni lejn żoni okkupati mir-Russja jew lejn ir-Russja nnifisha, filwaqt li spiss waqqfet jew impediet lil dawn il-persuni ċivili milli jkollhom passaġġ sikur lejn partijiet mhux okkupati tal-Ukrajna. Lenara Ivanova hija waħda mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni ta' tfal Ukreni bil-forza lejn ir-Russja u fl-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Lenara Ivanova jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiv tal-Ukrajna. Għalhekk, Lenara Ivanova hija responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u qed timplimenthom.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1537.	Rifat Abdulvagapovich SABITOV (Рифат Абдулвагапович САБИТОВ)	Funzjoni: Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia StateTelevision and Radio Broadcasting Company (VGTRK); President ta' Commission for the Development of the Information Society, Mass Media and Mass Communications of Civic Chamber of the RF; Membru tal-Presidju tal-Kunsill taħt il-President tal-Federazzjoni Russa għar-Relazzjonijiet Interetniċi Data tat-twelid: 30.4.1956 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Oleg Dobrodeev, Evgeniy Bekasov Entitajiet assoċjati: All-Russia StateTelevision and Radio Broadcasting Company (VGTRK) Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: NIT: 773314059364	Rifat Sabitov huwa l-Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK), l-akbar korporazzjoni tal-media tar-Russja. Matul il-gwerra kontra l-Ukrajna, xi stazzjonijiet televiżi u partijiet oħra tal-azjenda VGTRK kienu fost l-aktar strumenti attivi u importanti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin, u appoġġaw il-gwerra b'kummentarji aggressivi u informazzjoni mhux ivverifikata. Bħala wieħed mill-eżekuttivi ewlenin tagħha, Rifat Sabitov huwa direttament responsabbli għall-azzjonijiet ta' VGTRK. Bħala Viċi Direttur Ġenerali għandu influwenza diretta fuq il-mod kif VGTRK tinforma lin-nies dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u dwar il-passi meħuda mill-gvern Russu. Barra minn hekk huwa involut b'mod attiv fit-tiswir tal-ambjent restrittiv ta' informazzjoni restrittiv fir-Russja bħala President ta' Commission for the Development of the Information Society, Mass Media and Mass Communications of Civic Chamber of the Russian Federation, President tal-Kunsill Pubbliku taħt il-Ministeru għall-Iżvilupp Diġitali tar-Russja u f'bosta korpi oħra. Rifat Sabitov ilu mill-2025 membru tal-Presidju tal-Kunsill taħt il-President tal-Federazzjoni Russa għar-Relazzjonijiet Interetniċi, aġenzija involuta fl-iżvilupp tal-Istrateġija tal-Politika Nazzjonali tar-Russja sal-2036 li qed tniedi russifikazzjoni fuq skala kbira tar-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. Għalhekk Rifat Sabitov huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1541.	Aleksandr Viktorovich GUSEV (bir-Russu: Александр Викторович ГУСЕВ) (bl-Ukren: Олександр Вікторович ГУСЄВ)	Funzjoni: Gvernatur tar-reġjun ta' Voronezh Data tat-twelid: 27.1.1963 Post tat-twelid: Ozyerskoye, Kozelsky District, Kaluga Oblast, eks RSFSR, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksandr Gusev huwa l-Gvernatur tar-reġjun ta' Voronezh. Huwa membru tal-Kunsill tal-Istat tal-Federazzjoni Russa, u s-segretarju tal-Fergħa Reġjonali ta' Voronezh tal-Partit United Russia. Fir-rwol tiegħu kien responsabbli għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-reġjun ta' Voronezh għall-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet tiegħu jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiv tal-Ukrajna. Għalhekk Aleksandr Gusev huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1552.	Murat Karalbiyevich KUMPILOV magħruf ukoll bħala Murat Karalbievich KUMPILOV (Мурат Каральбиевич КУМПИЛОВ)	Funzjoni: Kap ta' Republic of Adygea of the Russian Federation; segretarju tal-fergħa reġjonali ta' Adygea ta' United Russia (Edinaya Rossiya); Membru tal-Kunsill Suprem ta' United Russia Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 27.2.1973 Post tat-twelid: Ulyap, Krasnogvardeysky district, Republic of Adygea, eks USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel Informazzjoni oħra: NIT: 010200122926	Murat Kumpilov huwa l-kap tar-Repubblika ta' Adygea tal-Federazzjoni Russa, u s-segretarju tal-fergħa reġjonali ta' Adygea tal-Partit United Russia. F'din il-kapaċità Murat Kumpilov qed jikkontribwixxi għad-deportazzjoni u l-adozzjoni illegali ta' tfal Ukreni. Huwa qed jiffaċilita d-deportazzjoni u l-ħtif illegali ta' tfal Ukreni lejn l-hekk imsejħa 'kampijiet tas-saħħa' u faċilitajiet ta' riedukazzjoni li jinsabu fir-reġjun tiegħu. Murat Kumpilov huwa wieħed mill-mexxejja (reġjonali) għoljin Russi involuti fid-deportazzjoni u l-ħtif illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja. L-azzjonijiet ta' Murat Kumpilov jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiv tal-Ukrajna. Għalhekk Murat Kumpilov huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1588.	Pavel Nikolaevich MURAVEIKO (Pavel Mikalaevich MURAVEIKA) (Павел Николаевич МУРАВЕЙКО) (Павел Мікалаевіч МУРАВЕЙКА)	Funzjoni: Kap tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati u l-Ewwel Viċi Ministru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja; eks L-Ewwel Viċi Segretarju tal-Istat tal-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 26.9.1971 Post tat-twelid: Maryina Horka, Pukhavichy District, Minsk Region, USSR (issa Belarus) Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-identità: 3260971B001PB2 Sess: raġel	Pavel Muraveiko huwa l-eks L-Ewwel Viċi Segretarju tal-Istat tal-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja. Fil-pożizzjoni tiegħu kien responsabbli li jissorvelja l-azzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà, inkluż il-kooperazzjoni militari teknika bejn il-Belarussja u r-Russja. Il-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja huwa l-korp kostituzzjonali u suprem kollettiv ta' koordinazzjoni u politiku li jinforza s-setgħat tal-President tar-Repubblika tal-Belarussja. Il-Kunċett il-ġdid tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Kunsill tas-Sigurtà jipprevedi l-iżvilupp ta' raggruppament reġjonali ta' forzi tar-Repubblika tal-Belarussja u l-Federazzjoni Russa, li jżid l-effettività tal-korpi militari ta' kmand u kontroll. Il-kooperazzjoni militari teknika tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari tar-Russja, li qed twettaq gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fl-2024 Pavel Muraveiko laħaq Kap tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati u l-Ewwel Viċi Ministru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja. Għalhekk Pavel Muraveiko qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1589.	Valery Alexandrovich REVENKO (Valery Aleksandrovich REVENKA) (Валерий Александрович РЕВЕНКО) (Валерый Аляксандравіч РЭВЕНКА)	Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja – Assistent tal-Ministru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja għall-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali, Maġġur Ġeneral Data tat-twelid: 30.11.1969 Post tat-twelid: Krasnoyarsk-26, Krasnoyarsk Territory, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-identità: 3301169A015PB3 Sess: raġel	Valery Revenko huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja - Assistent tal-Ministru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja għall-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali. Id-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja jimmaniġġa l-attivitajiet tal-forzi armati fl-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni militari internazzjonali u l-kontroll tal-armi. Barra minn hekk Valery Revenko huwa membru tal-Bord Konġunt tal-Ministeri għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja u l-Federazzjoni Russa u għalhekk jipparteċipa fil-kooperazzjoni bilaterali bejn ir-Russja u l-Belarussja fl-isfera militari. Il-kooperazzjoni militari teknika tal-Belarussja mar-Russja tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari tar-Russja, li qed twettaq gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk Valery Revenko, bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali, qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1592.	Leonid Vyacheslavovich DAVIDOVICH (Leonid Vyacheslavovich DAVIDOVICH) (Леонид Вячеславович ДАВИДОВИЧ) (Леанід Вячаслававіч ДАВІДОВІЧ)	Funzjoni: Viċi Kmandant tal-Forza tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru tal-Forzi Armati tal-Belarussja, – Kap tal-Avjazzjoni; eks Kmandant ta' 61st air base u ta' Baranovichi garrison Data tat-twelid: 13.1.1978 Post tat-twelid: Baranovichi, Brest region, USSR (issa Belarus) Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-identità: 3130178C024PB7	Leonid Davidovich huwa l-eks Kmandant ta' 61st air base u ta' Baranovichi garrison, fejn il-Federazzjoni Russa tħarreġ lis-suldati tagħha. Matul il-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna ċ-ċittadini nnutaw kunsinni ta' merkanzija militari u ġettijiet tal-ġlied itiru lejn u minn Baranavichy garrison. Persuni li ppruvaw jopponu dak it-taħriġ militari u t-trasport ta' merkanzija militari ssejħu 'partiġġjani ferrovjarji', ġew arrestati u ddikjarati estremisti u traduturi. Barra minn hekk kien hemm rapporti li Baranavichy garrison intuża biex jiġu sparati rokits lejn l-Ukrajna. Leonid Davidovich laħaq Viċi Kmandant tal-Forza tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru tal-Forzi Armati tal-Belarussja - Kap tal-Avjazzjoni. Għalhekk Leonid Davidovich qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1593.	Sergey Evgenyevich LAGODIUK Siarhei Evgenievich LAHADZIUK (Сергей Евгеньевич ЛАГОДЮК) (Сяргей Яўгенавіч ЛАГАДЗЮК)	Funzjoni: Viċi Kap tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Belarussja, Kap tad-Direttorat Operazzjonali Ewlieni, Maġġur Ġeneral Data tat-twelid: 10.5.1971 Post tat-twelid: Antopal, Drahichyn District, Brest Oblast, USSR (issa Belarus) Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-identità: 3100571B015PB0 Sess: raġel	Sergey Lagodiuk huwa l-Viċi Kap tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Belarussja u l-Kap tad-Direttorat Operazzjonali Ewlieni. Id-Direttorat Operazzjonali Ewlieni jipparteċipa fil-politika militari tar-Repubblika tal-Belarussja u jaġixxi bħala l-unità strutturali ewlenija tal-Istat Maġġur fis-sistema ta' ppjanar u ġestjoni strateġiċi. Fil-pożizzjoni tiegħu Sergey Lagodiuk jissorvelja l-azzjonijiet tad-Direttorat Operazzjonali Ewlieni. Barra minn hekk Sergey Lagodiuk huwa membru tal-Bord Konġunt tal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja u l-Federazzjoni Russa u għalhekk jipparteċipa fil-kooperazzjoni bilaterali bejn ir-Russja u l-Belarussja fl-isfera militari. Ir-Repubblika tal-Belarussja tintuża bħala ċentru militari tal-militar Russu u dak b'mod strateġiku jagħmel pressjoni fuq l-Ukrajna biex iżżomm it-truppi qrib il-fruntiera, u b'hekk jiddgħajfu l-kapaċitajiet difensivi tal-Ukrajna. Għalhekk Sergey Lagodiuk, bħala membru tal-Bord Konġunt tal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja u l-Federazzjoni Russa, qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1594.	Vladimir Nikolaevich CHEREUKHIN (Uladzimir Mikalaevich CHARAUKHIN) (Владимир Николаевич ЧЕРЕУХИН) (Уладзімір Мікалаевіч ЧАРАУХІН)	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Ajruport Nazzjonali ta' Minsk; eks Kap tal-fergħa ta' Homel ta' Republican Unitary Enterprise for Air Navigation Services of Air Traffic 'Belaeronavigatsia' Data tat-twelid: 11.8.1977 Post tat-twelid: Pakalyubichy, Homel District, Homel Region, USSR (issa Belarus) Nazzjonalità: Belarussa Indirizz: Vetka district, Zolotoy Rog village, Belarus Numru tal-identità: 3110877H020PB2 Sess: raġel	Vladimir Chereukhin, Direttur Ġenerali tal-Ajruport Nazzjonali ta' Minsk, huwa l-eks Kap tal-fergħa ta' Homel ta' Republican Unitary Enterprise for Air Navigation Services of Air Traffic 'Belaeronavigatsia', responsabbli għall-attivitajiet tal-ajruport ta' Homel. Fil-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni, inġenju tal-ajru Russu mingħajr bdot abbord ta' Russian Aerospace Forces telaq mill-ajruport ta' Homel u qered batterija tal-artillerija awtopropulsiva tal-Forzi Armati tal-Ukrajna. Għalhekk Vladimir Chereukhin qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1595.	Vyacheslav Evgenyevich ROSSOLAY (Viachaslau Yevgenievich RASSALAI) (Вячеслав Евгеньевич РОССОЛАЙ) (Вячаслаў Яўгеньевіч РАССАЛАЙ)	Funzjoni: Direttur tal-kumpanija b'ishma konġunti miftuħa 'Agat – electromechanics factory'; eks Viċi President tal-Kumitat Militari Industrijali tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 17.10.1981 Post tat-twelid: Minsk, USSR (issa Belarus) Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Vyacheslav Rossolay huwa l-eks Viċi President tal-Kumitat Militari Industrijali tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi President tal-Kumitat Industrijali Militari tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja żied il-provvista ta' tagħmir militari lir-Russja fuq l-isfond tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk daħal fis-seħħ programm ta' kooperazzjoni militari teknika bejn Moska u Minsk sal-2025, li jipprevedi konsenji reċiproċi ta' prodotti militari fl-interessi tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Belarussja u r-Russja. Għadu qed jaħdem fil-kumpless militari industrijali tal-Belarussja bħala d-Direttur tal-kumpanija b'ishma konġunti miftuħa 'Agat – electromechanics factory'. Għalhekk Vyacheslav Rossolay qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1597.	Serafim Vikentevich IVANOV (Серафим Викентьевич ИВАНОВ)	Funzjoni: Segretarju tal-istampa fl-organizzazzjoni 'Volunteer Squad'; eks Kap tal-kwartieri ġenerali reġjonali ta' Yunarmiya VVPOD fir-reġjun ta' Kherson; deputat tal-muniċipalità 'Admiralty district' ta' St. Petersburg Data tat-twelid: 19.5.1996 Post suspettat: St. Petersburg, Russian Federation Sess: raġel	Serafim Ivanov huwa s-segretarju tal-istampa fl-organizzazzjoni 'Volunteer Squad', li hija involuta fl-edukazzjoni patrijottika taż-żgħażagħ. Huwa deputat tal-muniċipalità 'Admiralty district' ta' St. Petersburg. Huwa wkoll l-eks Kap tal-kwartieri ġenerali reġjonali ta' Yunarmiya VVPOD fir-reġjun ta' Kherson. Ħa sehem attiv fil-militarizzazzjoni tat-tfal Ukreni fir-reġjun okkupat ta' Kherson. Huwa xerred ukoll sentimenti favur ir-Russja u narrattivi kontra l-Ukrajna permezz ta' Yunarmiya u ħeġġeġ lit-tfal jingħaqdu mal-organizzazzjoni, filwaqt li enfasizza t-taħriġ militari bħala wieħed mill-vantaġġi. Għalhekk Serafim Ivanov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1612.	Andrey Yuryevich SHUTOV (Андрей Юрьевич ШУТОВ)	Funzjoni: eks membru ta' Central Election Commission of the Russian Federation Data tat-twelid: 9.3.1963 Post tat-twelid: Moscow, Moscow Oblast, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Shutov mill-2021 sal-2026 serva bħala membru ta' Central Election Committee of the Russian Federation (CEC). Matul il-mandat tiegħu, is-CEC kien responsabbli għall-organizzazzjoni ta' referenda illegali fl-2022, kif ukoll elezzjonijiet illegali f'Settembru 2023, f'partijiet okkupati tal-Ukrajna, u b'hekk ipprova jilleġittimizza l-gwerra ta' aggressjoni Russa ta' dawk il-partijiet. Għalhekk, Andrey Shutov appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023
1616.	Alexander Borisovych KURDYUMOV (Александр Борисович КУРДЮМОВ)	Funzjoni: President ta' Zhirinovsky Blok; eks membru ta' Central Election Commission of the Russian Federation Data tat-twelid: 26.11.1967 Post tat-twelid: Gorky, Gorky Oblast, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Kurdyumov mill-2021 sal-2026 serva bħala membru ta' Central Election Committee of the Russian Federation (CEC). Matul il-mandat tiegħu, is-CEC kien responsabbli għall-organizzazzjoni ta' referenda illegali fl-2022, kif ukoll elezzjonijiet illegali f'Settembru 2023, f'partijiet okkupati tal-Ukrajna, u b'hekk ipprova jilleġittimizza l-gwerra ta' aggressjoni Russa ta' dawk il-partijiet. Fl-2026 inħatar President ta' Zhirinovsky Blok. Għalhekk Alexander Kurdyumov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1620.	Boris Safarovych EBZEEV (Борис Сафарович ЭБЗЕЕВ)	Funzjoni: eks membru ta' Central Election Commission of the Russian Federation Data tat-twelid: 25.2.1950 Post tat-twelid: Dzhany Dzher, Frunze Region, USSR (issa Kyrgyzstan) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Boris Ebzeev serva bħala membru ta' Central Election Committee of the Russian Federation (CEC) mill-2021 sal-2026. Matul il-mandat tiegħu, is-CEC kien responsabbli għall-organizzazzjoni ta' referenda illegali fl-2022, kif ukoll elezzjonijiet illegali f'Settembru 2023, f'partijiet okkupati tal-Ukrajna, u b'hekk ipprova jilleġittimizza l-gwerra ta' aggressjoni Russa ta' dawk il-partijiet. Għalhekk Boris Ebzeev appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023
1631.	Viktor Musavirovich AFZALOV (Виктор Мусавирович АФЗАЛОВ)	Funzjoni: Kurunell Ġeneral; eks Kap Kmandant tar-Russian Aerospace Forces; eks Kap tal-Istat Maġġur tar-Russian Aerospace Forces Data tat-twelid: 9.6.1968 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Il-Kurunell Ġeneral Viktor Afzalov huwa l-eks Kap tal-Istat Maġġur tar-Russian Aerospace Forces, u l-eks Kap Kmandant tar-Russian Aerospace Forces minn Ottubru 2023 sa Mejju 2026. Bħala tali kien responsabbli għat-twettiq ta' operazzjonijiet tal-ajru kontra l-Ukrajna matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa kien qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1633.	Ivan Ivanovich ZIMA (Иван Иванович ЗИМА)	Funzjoni: eks Direttur Ġenerali ta' LLC 'Osnova Bezopasnosti'; eks Direttur Ġenerali ta' Miranda Media LLC u Krymtelecom JSC Data tat-twelid: 26.8.1971 Post tat-twelid: Tiksi village, Bulunsky district, Yakut, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Russian Federation, Moscow region, Bronnitsy, Gorka, 4, apt. 6 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 143300547912	Ivan Zima huwa eks Direttur Ġenerali ta' LLC 'Osnova Bezopasnosti', li timmanifattura tagħmir relatat mas-sorveljanza u s-sigurtà, inkluż komunikazzjoni speċjali u inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord. Ivan Zima huwa eks Direttur Ġenerali ta' Miranda Media LLC u ta' Krymtelecom JSC, li jipprovdu servizzi ta' telekomunikazzjoni fil-partijiet tal-Ukrajna tan-Nofsinhar u tal-Lvant okkupati mir-Russja. Il-kumpaniji li kienu mmexxija minn Ivan Zima huma liċenzjati mill-awtoritajiet Russi (Roskomnadzor) biex jipprovdu diversi servizzi ta' telekomunikazzjoni fit-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna. Barra minn hekk dawk il-kumpaniji għandhom rwol importanti fl-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq ċerti siti web u fiċ-ċensura ta' informazzjoni leġittima għall-popolazzjoni Ukrena fit-territorji okkupati. Ivan Zima kien kontributur ewlieni għall-isforzi tal-Gvern Russu biex jirrestriġi l-aċċess għal sorsi ta' informazzjoni leġittimi u biex jimplimenta miżuri ta' ċensura fl-Ukrajna. Għalhekk, Ivan Zima kien qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk kien qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1657.	Aleksey Gennadievich DUBONOSOV (Алексей Геннадиевич ДУБОНОСОВ)	Funzjoni: eks Direttur Ġenerali ta' Federal State Enterprise 'Tambov Gunpowder Plant' Data tat-twelid: 31.12.1976 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 344401214508	Aleksey Dubonosov huwa l-eks Direttur Ġenerali ta' FSE Tambov Gunpowder Plant li tipproduċi trabijiet tal-pirossilina, li jintużaw f'diversi tipi ta' munizzjon użat mill-Forzi Armati Russi. L-impjant jipproduċi trabijiet tal-pirossilina għall-firxa wiesgħa ta' munizzjon, minn skratać u granati ta' 7,62 mm għall-azzarini Kalashnikov sa balal ta' 125 mm għall-karri armati ewlenin T-90 u projettili tal-artillerija għall-unitajiet tal-artillerija u howitzers 2S3 Akatsiya, 2S19 Msta-S, Msta-B u 2S5 Hyacinth. FSE Tambov Gunpowder Plant tappartjeni lill-konglomerat tad-difiża Russu Rostec State Corporation. L-impjant jopera f'settur strateġikament importanti tal-industrija militari u seta' jżid il-kapaċità tal-produzzjoni tiegħu matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Aleksey Dubonosov kien qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1674.	Semyon Alexeyevich MASHKAUTSAN magħruf ukoll bħala Salah MASHKAUTSAN (Семен Алексеевич МАШКАУЦАН magħruf ukoll bħala Салах Алексеевич МАШКАУЦАН)	Funzjoni: l-hekk imsejjaħ 'Kap tal-Gvern' ta' Kherson Region Data tat-twelid: 2.3.1990 Post tat-twelid: Chelyabinsk, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Semyon Mashkautsan huwa l-eks hekk imsejjaħ 'Viċi Kap tal-Gvern' u 'Ministru għall-Industrija' tar-Reġjun ta' Kherson. Ilu l-hekk imsejjaħ 'Aġent President tal-Gvern' ta' Kherson Region minn Frar 2025 u l-hekk imsejjaħ 'Kap tal-Gvern' ta' Kherson Region minn Diċembru 2025. Huwa assuma dawn ir-rwoli mingħajr il-kunsens tal-awtoritajiet Ukreni fit-territorji okkupati illegalment ta' Kherson Region u qed jimplimenta l-politiki uffiċjali tal-Federazzjoni Russa fir-reġjun. Billi assuma dawn il-kapaċitajiet u aġixxa fihom, Semyon Mashkautsan qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1678.	Vladimir Alexandrovich BOBROV (Владимир Александрович БОБРОВ)	Funzjoni: eks Direttur ta' MG-Flot LLC Data tat-twelid: 26.1.1971 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 253902099914	Vladimir Bobrov huwa l-eks Direttur ta' MG-Flot LLC (li qabel kienet magħrufa bħala TransMorFlot LLC). MG-Flot LLC hija kumpanija tat-tbaħħir Russa li tipprovdi appoġġ loġistiku lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari MG-Flot LLC hija involuta f'network ta' trasport militari ta' bastimenti tal-merkanzija Russi li jwasslu armamenti Nord Koreani minn Pyongyang sal-faċilitajiet militari fil-port Russu ta' Dunai. Wara l-munizzjonijiet Nord Koreani ttrasportati minn MG-Flot LLC jiġu ttrasferiti lejn imħażen fuq il-fruntiera tal-Punent tar-Russja biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk bastimenti proprjetà ta' MG-Flot LLC kienu involuti fi vjeġġi ta' armi mill-Iran biex jgħinu fl-invażjoni fuq skala kbira tal-Ukrajna mir-Russja. Għalhekk Vladimir Bobrov kien qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnu.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1679.	Vladimir Egorovich ZAITSEV magħruf ukoll bħala Vladimir Yegorovich ZAYTSEV (Владимир Егорович ЗАЙЦЕВ)	Funzjoni: Direttur ta' JSC VNIIRT (magħrufa wkoll bħala All-Russian Research Institute of Radio Engineering) Direttur ta' JSC Npodar (magħrufa wkoll bħala Scientific and Production Association of long range radar named after academician A. L. Mints) Data tat-twelid: 23.9.1956 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 504790126749	Vladimir Zaitsev huwa d-Direttur ta' Joint Stock Company (JSC) VNIIRT (magħrufa wkoll bħala All-Russian Research Institute of Radio Engineering). JSC VNIIRT hija intrapriża militari industrijali tal-istat Russu li tiżviluppa sistemi tar-radar użati mill-Forzi Armati Russi, inkluż sistemi tar-radar li jintużaw għas-sistema ta' missili Pantsir-S1 tar-Russja. Barra minn hekk JSC VNIIRT tagħmel parti min-negozju Almaz-Antey, manifattur tal-armi Russu proprjetà tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru u ta' missili kruċiera għall-militar Russu. Vladimir Zaitsev huwa wkoll id-Direttur Ġenerali ta' JSC Npodar, is-suċċessur ta' AO RTI. Din il-kumpanija taħdem f'teknoloġiji tar-radar u għandha liċenzji mill-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa għall-manutenzjoni ta' tagħmir militari. Għalhekk fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur ta' JSC VNIIRT u JSC Npodar, Vladimir Zaitsev qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenefika minnu. Barra minn hekk Vladimir Zaitsev huwa assoċjat man-negozju Almaz-Antey, li qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1680.	Vladimir Ivanovich SHASTIN (Владимир Иванович ШАСТИН)	Funzjoni: Direttur ta' Azia Shipping Company LLC Data tat-twelid: 8.9.1957 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 253606386404	Vladimir Shastin huwa d-Direttur ta' Azia Shipping Company LLC. Azia Shipping Company LLC hija kumpanija tat-tbaħħir Russa li tipprovdi appoġġ loġistiku lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari Azia Shipping Company LLC hija involuta f'network ta' trasport militari ta' bastimenti tal-merkanzija Russi li jwasslu armamenti Nord Koreani minn Pyongyang sal-faċilitajiet militari fil-port Russu ta' Dunai. Wara l-munizzjonijiet Nord Koreani ttrasportati minn Azia Shipping Company LLC jiġu ttrasferiti lejn imħażen fuq il-fruntiera tal-Punent tar-Russja biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur ta' Azia Shipping Company LLC, Vladimir Shastin qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenefika minnu.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1683.	Mikhail Alekseevich IVANCHIKHIN (Михаил Алексеевич ИВАНЧИХИН)	Funzjoni: Direttur ta' JSC MNII Agat (magħrufa wkoll bħala Moscow Research Institute Agat) Data tat-twelid: 9.4.1962 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 501304253418	Mikhail Ivanchikhin huwa d-Direttur ta' JSC MNII Agat (magħrufa wkoll bħala Moscow Research Institute Agat). JSC MNII Agat hija intrapriża militari industrijali tal-istat Russu li tiżviluppa u tipproduċi riċetrażmettituri tar-radar għall-missili ggwidati li jintużaw mill-Forzi Armati Russi, inkluż l-'l-apparat attiv ta' direzzjoni bir-radar 9B-1103M-350' użat f'missili Russi mill-ajru għall-ajru u mill-wiċċ għall-ajru. Barra minn hekk JSC MNII Agat tagħmel parti min-negozju Almaz-Antey, manifattur tal-armi Russu proprjetà tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru u ta' missili kruċiera għall-militar Russu. Għalhekk fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur ta' JSC MNII Agat, Mikhail Ivanchikhin qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenefika minnu. Barra minn hekk Mikhail Ivanchikhin huwa assoċjat man-negozju Almaz-Antey, li qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1684.	Mikhail Valentinovich LUKYANOV (Михаил Валентинович ЛУКЬЯНОВ)	Funzjoni: eks Direttur ta' Oboronlogistics LLC Data tat-twelid: 23.9.1975 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 773384195360	Mikhail Lukyanov huwa l-eks Direttur ta' Oboronlogistics LLC. Oboronlogistics LLC hija kumpanija tat-tbaħħir stabbilita taħt il-Ministeru għad-Difiża Russu. Il-kumpanija qed tipprovdi appoġġ loġistiku lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari Oboronlogistics LLC hija involuta f'network ta' trasport militari ta' bastimenti tal-merkanzija Russi li jwasslu armamenti Nord Koreani minn Pyongyang sal-faċilitajiet militari fil-port Russu ta' Dunai. Wara l-munizzjonijiet Nord Koreani ttrasportati minn Oboronlogistics LLC jiġu ttrasferiti lejn imħażen fuq il-fruntiera tal-Punent tar-Russja biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk Mikhail Lukyanov appoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnu.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1686.	Nikolai Anatolievich PANKOV (Николай Анатольевич ПАНЬКОВ)	Funzjoni: Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Marine Trans Shipping LLC Data tat-twelid: 12.8.1970 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 301803080162	Nikolai Pankov huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Marine Trans Shipping LLC. Marine Trans Shipping LLC hija kumpanija tat-tbaħħir Russa li tipprovdi appoġġ loġistiku lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari Marine Trans Shipping LLC hija involuta f'network ta' trasport militari ta' bastimenti tal-merkanzija Russi li jwasslu armamenti Nord Koreani minn Pyongyang sal-faċilitajiet militari fil-port Russu ta' Dunai. Wara l-munizzjonijiet Nord Koreani ttrasportati minn Marine Trans Shipping LLC jiġu ttrasferiti lejn imħażen fuq il-fruntiera tal-Punent tar-Russja biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk fil-kapaċità tiegħu bħala Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Marine Trans Shipping LLC, Nikolai Pankov qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1687.	Alexey Yurievich BRAGIN (Алексей Чрьевич БРАГИН)	Funzjoni: eks Direttur ta' JSC RIRV (magħrufa wkoll bħala Russian Institute of Radio Navigation and Time) Data tat-twelid: 23.12.1979 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 780615807818	Alexey Bragin huwa l-eks Direttur ta' JSC RIRV (magħrufa wkoll bħala Russian Institute of Radio Navigation and Time). JSC RIRV kienet intrapriża militari industrijali tal-istat Russu li tiżviluppa tagħmir tan-navigazzjoni għas-sistema Russa GLONASS li tintuża mill-Forzi Armati Russi biex iwettqu attakki bi preċiżjoni għolja fuq l-infrastruttura ċivili u militari fl-Ukrajna. Hija ngħaqdet ma' JSC 'Obukhov Plant', parti min-negozju Almaz-Antey, manifattur tal-armi Russu proprjetà tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-arju u ta' missili kruċiera għall-militar Russu. Għalhekk Alexey Bragin appoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnu. Barra minn hekk Alexey Bragin kien assoċjat man-negozju Almaz-Antey, li qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1691.	Svetlana Vladimirovna SAVELYEVA (Светлана Владимировна САВЕЛЬЕВА)	Funzjoni: Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' M Leasing LLC Data tat-twelid: 17.12.1977 Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 771552332201	Svetlana Savelyeva hija l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' M Leasing LLC. M Leasing LLC hija kumpanija tat-tbaħħir Russa li tipprovdi appoġġ loġistiku lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari M Leasing LLC hija involuta f'network ta' trasport militari ta' bastimenti tal-merkanzija Russi li jwasslu armamenti Nord Koreani minn Pyongyang sal-faċilitajiet militari fil-port Russu ta' Dunai. Wara l-munizzjonijiet Nord Koreani ttrasportati minn M Leasing LLC jiġu ttrasferiti lejn imħażen fuq il-fruntiera tal-Punent tar-Russja biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk fil-kapaċità tagħha bħala Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' M Leasing LLC, Svetlana Savelyeva qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1694.	Alexander Evgenievich REZNIK (Александр Евгеньевич РЕЗНИК)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Petrovsky Electromechanical Plant 'Molot' Data tat-twelid: 3.7.1976 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 645303859610	Alexander Reznik huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Petrovsky Electromechanical Plant 'Molot', li hija kumpanija tal-industrija militari li tipproduċi diversi komponenti u strumenti għall-armi li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. JSC Petrovsky Electromechanical Plant 'Molot' hija sussidjarja ta' JSC Concern Granit-Electron, li tagħmel parti minn JSC Tactical Missiles Corporation. Fir-rwol tiegħu Alexander Reznik qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC Petrovsky Electromechanical Plant 'Molot', JSC Concern Granit-Electron u JSC Tactical Missiles Corporation.	23.2.2024
1695.	Alexander Yurievich ZVEREV (Александр Юрьевич ЗВЕРЕВ)	Funzjoni: eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' JSC Zavod Dagdizel Data tat-twelid: 4.7.1984 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 771370973994	Alexander Zverev huwa l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' JSC Zavod Dagdizel, li hija kumpanija tal-industrija militari involuta fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' armi ta' taħt l-ilma għall-Flotta Navali Russa li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. JSC Zavod Dagdizel hija sussidjarja ta' MPO-Gidropribor, li tagħmel parti minn JSC Tactical Missiles Corporation. Għalhekk, Alexander Zverev appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC Zavod Dagdizel, MPO-Gidropribor u JSC Tactical Missiles Corporation.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1700.	Yuri Konstantinovich ISAEV (Юрий Константинович ИСАЕВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC "Arzamas Scientific Production Enterprise 'Temp-Avia' Data tat-twelid: 22.11.1975 Post tat-twelid: Arzamas Nazzjonalità: Russa Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 524303794814 Sess: raġel	Yuri Isaev huwa Direttur Ġenerali fil-kumpanija tal-industrija militari Russa Temp-Avia. Il-kumpanija hija speċjalizzata fil-produzzjoni ta' sistemi ta' navigazzjoni u ta' kontroll awtomatiku, sistemi ta' kontroll inerzjali, unitajiet inerzjali ta' kejl, ġirostabbilizzaturi, sensuri ta' informazzjoni primarja, indikaturi tal-pożizzjoni tal-orizzont u sistemi ta' riżerva integrati ta' strumenti tan-navigazzjoni tat-titjir. Il-partijiet kontraenti huma kumpaniji oħra tal-industrija militari Russa u l-Gvern Russu nnifsu. B'mod partikolari Temp-Avia tipproduċi l-indikatur bażiku tal-pożizzjoni tal-orizzont AGB-96, li jintuża fuq il-ħelikopters Mi-8 tal-Forzi Armati Russi li ntużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk fir-rwol tiegħu Yuri Isaev qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenefika minnu.	23.2.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1703.	Andrey Leonidovich TERLIKOV (Андрей Леонидович ТЕРЛИКОВ)	Funzjoni: eks Direttur Ġenerali ta' JSC 'UKBTM' Data tat-twelid: 22.2.1962 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 662317683996	Andrey Terlikov huwa l-eks Direttur Ġenerali ta' JSC 'UKBTM'. Il-kumpanija tiżviluppa u timmodernizza l-karrijiet T-72 u T-90 għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk Andrey Terlikov appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk appoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnu.	23.2.2024
1704.	Boris Yakovlevich VOLOGDIN (Борис Яковлевич ВОЛОГДИН)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Tomsk Electrotechnical Plant (TETZ) Data tat-twelid: 22.7.1955 Post tat-twelid: Aliya village, Chita region, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 701700134280 Sess: raġel	Boris Vologdin huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Tomsk Electrotechnical Plant. Il-kumpanija hija fornitur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. JSC Tomsk Electrotechnical Plant timmodernizza t-T-90 bil-kooperazzjoni tal-kumpanija omm tagħha Uralvagonzavod u taħt il-ġestjoni tagħha. Għalhekk fir-rwol tiegħu Boris Vologdin qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenefika minnu.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1718.	Boris Ivanovich EFREMOV (Борис Иванович ЕФРЕМОВ)	Funzjoni: eks Direttur ta' JSC MMZ (magħrufa wkoll bħala Mariyskiy Machine-Building Plant) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Post suspettat: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 121509344587	Boris Efremov huwa l-eks Diretturta' JSC NMZ (magħrufa wkoll bħala Mariyskiy Machine-Building Plant). JSC NMZ hija intrapriża militari industrijali tal-istat Russu li tiżviluppa sistemi ta' kontroll għad-difiża tal-ajru, inkluż is-sistema ta' missili S-300V kontra l-inġenji tal-ajru li tintuża mill-Forzi Armati Russi. Barra minn hekk JSC MMZ tagħmel parti minn Joint Stock Company Almaz-Antey air and space defence corporation, manifattur tal-armi Russu proprjetà tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru u ta' missili kruċiera għall-militar Russu. Għalhekk Boris Efremov kien qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk kien qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnu. Barra minn hekk Boris Efremov kien assoċjat ma' Joint Stock Company Almaz-Antey air and space defence corporation.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1742.	Dmitriy Vladimirovich DEMIDOV (bir-Russu: Дмитрий Володимирович ДЕМИДОВ; bil-Belarussu: Дзмітрый Уладзіміравіч ДЗЯМІДАЎ)	Funzjoni: eks President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Navapolatsk; President tal-Kunsill tad-Deputati tar-reġjun ta' Vitsebsk; Membru ta' All-Belarusian People's Assembly Data tat-twelid: 11.12.1975 Post tat-twelid: Polatsk, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Dmitriy Demidov, President tal-Kunsill tad-Deputati tar-Reġjun ta' Vitsebsk, huwa l-eks President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Navapolatsk. F'dan ir-rwol kien responsabbli għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Repubblika tal-Belarussja. Dmitriy Demidov huwa wieħed mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni ta' tfal Ukreni bil-forza lejn il-Belarussja u fl-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn familji Russi u Belarussi. L-azzjonijiet tiegħu jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiv tal-Ukrajna. Għalhekk Dmitriy Demidov huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u qed jimplimenthom.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1743.	Svetlana Anatolievna MAYBORODA (bir-Russu: Светлана Анатольевна МАЙБОРОДА; bl-Ukren: Світлана Анатоліївна МАЙБОРОДА)	Funzjoni: Kap tad-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Familja u t-Tfal tal-hekk imsejjaħ Ministeru għax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk Data tat-twelid: 21.2.1970 Post tat-twelid: Makiivka, Ukraine Nazzjonalità: Ukrena Sess: mara	Svetlana Mayboroda hija l-Kap tad-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Familja u t-Tfal tal-hekk imsejjaħ Ministeru għax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u eks Kap tal-hekk imsejjaħ Servizz tal-Istat għall-Affarijiet tal-Familja u t-Tfal fl-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk. F'dan ir-rwol kienet responsabbli għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja. Svetlana Mayboroda hija waħda mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni ta' tfal Ukreni bil-forza lejn ir-Russja u fl-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet tagħha jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiv tal-Ukrajna. Għalhekk Svetlana Mayboroda hija responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna u qed timplimenthom.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1745.	Elena Mikhailovna DEMIDOVA (bir-Russu: Елена Михайловна ДЕМИДОВА; bil-Belarussu: Алена Міхайлаўна ДЗЯМІДАВА)	Funzjoni: eks Kap tal-Amministrazzjoni tal-Belt ta' Yevpatoriya Data tat-twelid: 12.9.1975 Post tat-twelid: Yevpatoriya, Ukraine Nazzjonalità: Ukrena Sess: mara Indirizz: 297408, Yevpatoria, Lenin ave., 2, Crimea, Ukraine	Elena Demidova hija l-eks Kap tal-Amministrazzjoni tal-Belt ta' Yevpatoriya. F'dan ir-rwol kienet responsabbli għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja għall-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet tagħha jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiv tal-Ukrajna. Għalhekk Elena Demidova qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024
1747.	Irina Dmitrievna KLYUEVA (bir-Russu: Ирина Дмитриевна КЛЮЕВА; bl-Ukren: Ірина Дмитрівна КЛЮЄВА)	Funzjoni: eks Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fl-hekk imsejħa Repubblika tal-Krimea Data tat-twelid: 13.8.1966 Post tat-twelid: Shepetivka, Ukraine Sess: mara	Irina Klyueva hija l-eks Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fl-hekk imsejħa Repubblika tal-Krimea. F'dan ir-rwol kienet waħda mill-aktar persuni involuti fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u fl-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Irina Klyueva jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiv tal-Ukrajna. Għalhekk Irina Klyueva kienet qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1748.	Natalya Vladimirovna KOMAROVA (Наталия Владимировна КОМАРОВА)	Funzjoni: Senatur tal-Kunsill tal-Federazzjoni; eks Gvernatur tar-reġjun ta' Khanty-Mansi Autonomous Okrug – Yugra Data tat-twelid: 21.10.1955 Post tat-twelid: Yazvo, Lyadsky district, Pskov region, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: mara Indirizz: 5 Mira str., Khanty-Mansiysk, 628006, Russian Federation	Natalya Komarova, Senatur tal-Kunsill tal-Federazzjoni, hija l-eks Gvernatur tar-reġjun Khanty-Mansi Autonomous Okrug – Yugra, maħtura mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Fir-rwol tagħha bħala Gvernatur Natalya Komarova amministrat korp statali reġjonali tal-Federazzjoni Russa u hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-istat fil-livell reġjonali. Bħala Gvernatur Natalya Komarova bbenefikat mill-emendi tal-President Vladimir Putin għal-liġi amministrattiva Russa, li jagħtuha l-għażla li tibqa' fil-poter għal snin addizzjonali. Natalya Komarova hija involuta wkoll fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u fl-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Natalya Komarova jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-drittu l-ordni amministrattiv tal-Ukrajna. Għalhekk Natalya Komarova qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1758.	Alexander Alexeyevich MOISEYEV (Александр Алексеевич МОИСЕЕВ)	Funzjoni: Ammirall tal-Flotta; Kap Kmandant tal-Flotta Navali Russa Data tat-twelid: 16.4.1962 Post tat-twelid: Borskoye, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	L-Ammiral Alexander Moiseyev ilu l-Kap Kmandant tal-Flotta Navali Russa mit-2 ta' April 2024 u rċieva l-ogħla grad ta' Ammirall tal-Flotta fl-2025. Għalhekk huwa responsabbli għal kwalunkwe operazzjoni marittima tal-Flotta Navali Russa, inkluż kontra l-Ukrajna. Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024
1770.	Andrei Viktorovich KAZAKOV (Андрей Викторович КАЗАКОВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' Novorossiya Railways Data tat-twelid: 22.3.1964 Post tat-twelid: Krasnouralsk, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrei Kazakov kien l-Aġent Direttur Ġenerali ta' Novorossiya Railways, kumpanija li nħolqot permezz tad-digriet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa tad-29 ta' Mejju 2023 biex tikkonsolida l-linji ferrovjarji tat-territorji ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia li mhumiex taħt il-kontroll tal-gvern tal-Ukrajna u tmexxihom taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi. Novorossiya Railways qed tiġi ffinanzjata mill-baġit federali tal-Federazzjoni Russa. L-għan tagħha huwa li toħloq konnessjonijiet alternattivi tat-trasport, li mbagħad jistgħu jintużaw għat-trasport, fost l-oħrajn, ta' materjal militari biex jintuża fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa nħatar Direttur Ġenerali ta' Novorossiya Railways f'Awwissu 2024. Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1773.	Anatoliy Valentinovich SOLIN (Анатолий Валентинович СОЛИН)	Funzjoni: Imħallef tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Data tat-twelid: 10.1.1968 Numru tal-passaport: 3612711237	Anatoliy Solin huwa mħallef tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu, ħa diversi deċiżjonijiet b'motivazzjoni politika kontra avversarji tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, kif ukoll deċiżjonijiet abbażi ta' raġunijiet reliġjużi. B'mod partikolari Anatoliy Solin mexxa l-prosekuzzjoni kontra Amet Suleymanov u priġunieri politiċi oħra. Għalhekk huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1775.	Igor Borisovich AKSYONOV (Игорь Борисович АКСЕНОВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' Volga-Dnepr Airlines LLC Data tat-twelid: 20.11.1971 Post tat-twelid: Baikonur, USSR (issa Kazakhstan) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 732800052176	Igor Aksyonov kien wieħed mill-azzjonisti kokontrollanti ta' Volga Dnepr Group, kumpanija azzjonarja Russa ewlenija fit-trasport bl-ajru li tispeċjalizza fit-trasport ta' merkanzija tqila permezz ta' charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati, qabel l-akkwiżizzjoni minn EAS Group. Huwa d-Direttur Ġenerali ta' Volga-Dnepr Airlines LLC. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari industrijali tar-Russja u fl-għoti ta' servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Il-flotta ta' Volga Dnepr Group tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An-124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikanti u toffri servizzi tat-trasport f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni minn pajjiżi terzi li huwa rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ għall-Federazzjoni Russa Volga Dnepr Group, inkluż Volga Dnepr Airlines LLC, ibbenifika minn sussidji ta' appoġġ mill-Gvern Russu. Għalhekk Igor Aksyonov qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenifika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1776.	Nikolai Alekseevich KOROBKO (Николай Алексеевич КОРОБКО)	Funzjoni: eks Direttur Ġenerali ta' Volga Dnepr Group Data tat-twelid: 14.1.1950 Post tat-twelid: Solenoye, Kalmykia, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 73280006066724 Numri tal-passaport: 7301193828, 0710012691	Nikolai Korobko huwa l-eks Direttur Ġenerali ta' Volga Dnepr Group, kumpanija azzjonarja Russa ewlenija fit-trasport bl-ajru li tispeċjalizza fit-trasport ta' merkanzija tqila permezz ta' charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati, qabel l-akkwiżizzjoni minn EAS Group. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari industrijali tar-Russja u fl-għoti ta' servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Volga Dnepr Group huwa wkoll il-kumpanija omm ta' Volga Dnepr Airlines LLC. Il-flotta ta' Volga Dnepr Group tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An-124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikanti u toffri servizzi tat-trasport f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni minn pajjiżi terzi li huwa rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ għall-Federazzjoni Russa Volga Dnepr Group irċieva sussidji ta' appoġġ mill-Gvern Russu. Għalhekk Nikolai Korobko qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1777.	Sergey Adolfovich DYACHKOV (Сергей Адольфович ДЬЯЧКОВ)	Funzjoni: eks azzjonist kokontrollanti ta' Volga Dnepr Group Data tat-twelid: 26.5.1959 Post tat-twelid: Ulyanovsk region, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 73280738648127 Numri tal-passaport: 7304273188, 7301381541	Sergey Dyachkov kien wieħed mill-azzjonisti kokontrollanti (b'sehem ta' 25 %) ta' Volga Dnepr Group, kumpanija azzjonarja Russa ewlenija fit-trasport bl-ajru li tispeċjalizza fit-trasport ta' merkanzija tqila permezz ta' charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati, qabel l-akkwiżizzjoni minn EAS Group. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari industrijali tar-Russja u fl-għoti ta' servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Volga Dnepr Group huwa wkoll il-kumpanija omm ta' Volga Dnepr Airlines LLC. Il-flotta ta' Volga Dnepr Group tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An-124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikanti u toffri servizzi tat-trasport f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni minn pajjiżi terzi li huwa rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ għall-Federazzjoni Russa Volga Dnepr Group irċieva sussidji ta' appoġġ mill-Gvern Russu. Għalhekk Sergey Dyachkov qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenifika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1778.	Valery Alexandrovich GABRIEL (Валерий Александрович ГАБРИЭЛЬ)	Funzjoni: eks azzjonist kokontrollanti ta' Volga Dnepr Group Data tat-twelid: 1.3.1956 jew 3.1.1956 Post tat-twelid: Starobilsk, Luhansk region, USSR (issa Ukraine) Nazzjonalità: Russa, Ġermaniża Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 732808701175 Numri tal-passaport: 7314052448, 7303853921, 719078124	Valery Gabriel kien wieħed mill-azzjonisti kokontrollanti (b'sehem ta' 25 %) ta' Volga Dnepr Group, kumpanija azzjonarja Russa ewlenija fit-trasport bl-ajru li tispeċjalizza fit-trasport ta' merkanzija tqila permezz ta' charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati, qabel l-akkwiżizzjoni minn EAS Group. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari industrijali tar-Russja u fl-għoti ta' servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Volga Dnepr Group huwa wkoll il-kumpanija omm ta' Volga Dnepr Airlines LLC. Il-flotta ta' Volga Dnepr Group tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An-124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikanti u toffri servizzi tat-trasport f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni minn pajjiżi terzi li huwa rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ għall-Federazzjoni Russa Volga Dnepr Group irċieva sussidji ta' appoġġ mill-Gvern Russu. Għalhekk Valery Gabriel qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenifika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1823.	Vladimir Zograbovich AVETISYAN (Владимир Зограбович АВЕТИСЯН)	Funzjoni: eks Direttur Ġenerali u fundatur ta' LLC RBA-Management Data tat-twelid: 4.5.1955 Post tat-twelid: Chelyabinsk Region, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772005534726	Vladimir Avetisyan kien id-Direttur Ġenerali u l-fundatur ta' LLC RBA-Management minn Marzu 2015 u jidher li rtira mill-funzjonijiet tiegħu fi tmiem l-2024. LLC RBA-Management hija kumpanija maniġerjali Russa li tipprovdi servizzi legali, kontabilistiċi, ta' sigurtà korporattiva u servizzi oħra ta' ġestjoni, u li taħdem ma' klijenti li jispeċjalizzaw fil-forniment ta' komponenti elettroniċi. LLC RBA-Management timmaniġġa lil JSC Compel, li tipparteċipa fi skemi ta' importazzjoni għal komponenti elettroniċi u tforni komponenti mikroelettroniċi ta' importanza strateġika lill-industrija Russa, inkluż l-industrija militari. Bħala Direttur Ġenerali u fundatur ta' LLC RBA-Management, Vladimir Avetisyan kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-kumpanija u għalhekk huwa responsabbli li appoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1824.	Mikhail Rudolfovich KONTSEREV (Михаил Рудольфович КОНЦЕРЕВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' PJSC TransContainer Data tat-twelid: 11.6.1970 Post tat-twelid: Leningrad, USSR, (issa St. Petersburg, Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 781400896256	Mikhail Kontserev huwa d-Direttur Ġenerali ta' Public Joint Stock Company (PJSC) TransContainer. PJSC TransContainer hija kumpanija tat-trasport Russa u l-akbar operatur tal-kontejners ferrovjarji tar-Russja, settur ekonomiku li qed ikompli jikber fir-Russja. Bħala Direttur Ġenerali Mikhail Kontserev huwa għalhekk involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. PJSC TransContainer toffri s-servizzi tagħha fit-terminal il-ġdid ta' Alabuga Special Economic Zone (SEZ). Is-SEZ ta' Alabuga ilha tikkoopera mal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati Iranjani biex tillokalizza s-sit tal-produzzjoni tad-droni ċirkondanti Shahed (l-isem tal-verżjoni Russa huwa 'Geran'). Barra minn hekk il-Federazzjoni Russa hija involuta f' PJSC TransContainer permezz ta' Rosatom. Rosatom, li hija proprjetà tal-istat, hija l-azzjonist ewlieni fil-kumpanija omm ta' TransContainer, Delo Group. PJSC TransContainer qed tgħin fl-iżvilupp tar-Rotta Marittima Artika, li l-operatur tal-infrastruttura tagħha huwa Rosatom. PJSC TransContainer tiffaċilita l-importazzjoni ta' merkanzija militari miċ-Ċina u mir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK). Għalhekk PJSC TransContainer tappoġġa lill-Gvern Russu. Għalhekk fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur Ġenerali ta' PJSC TransContainer, Mikhail Kontserev qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1857.	Alexey Leonidovich NEFEDOV bir-Russu: Алексей Леонидович НЕФЕДОВ	Funzjoni: eks Direttur Ġenerali ta' JSC Rosnefteflot Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexey Nefedov huwa l-eks Direttur Ġenerali ta' JSC Rosnefteflot, kumpanija Russa li tittrasporta żejt mhux maħdum u prodotti taż-żejt bil-baħar, inkluż għal finijiet ta' esportazzjoni. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk Alexey Nefedov kien involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk Alexey Nefedov huwa assoċjat ma' JSC Rosnefteflot.	16.12.2024
1859.	Igor Alexandrovich GANIN bir-Russu: Игорь Александрович ГАНИН	Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Ganin huwa l-eks Direttur Ġenerali ta' LLC Prime Shipping, kumpanija Russa li tittrasporta żejt mhux maħdum u prodotti taż-żejt bil-baħar, inkluż għal finijiet ta' esportazzjoni. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk Igor Ganin kien involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk Igor Ganin huwa assoċjat ma' LLC Prime Shipping.	16.12.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1868.	KIM Yong Bok bil-Korean: 김영복 magħruf ukoll bħala KIM Young Bok	Funzjoni: L-Ewwel Viċi Kap tal-Istat Maġġur ta' Korean People's Army Post tat-twelid: Democratic People's Republic of Korea Nazzjonalità: Nord Koreana Sess: raġel	Kim Yong Bok huwa l-Ewwel Viċi Kap tal-Istat Maġġur ta' Korean People's Army (KPA). Skont l-awtoritajiet Ukreni u tar-Repubblika tal-Korea, dan l-aħħar intbagħat ir-Russja flimkien ma' truppi tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK) b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, u huwa inkarigat bis-sorveljanza tal-iskjerament tat-truppi tar-RDPK fir-Russja. Kim huwa ġeneral bi tliet stilel li għandu esperjenza sinifikanti fit-tmexxija tal-forzi speċjali tar-RDPK, magħrufa wkoll bħala 11th Corps. Huwa deher f'mill-inqas seba' avvenimenti mal-mexxej tar-RDPK Kim Jong Un fl-2024, fatt li indika r-rwol prominenti tiegħu fil-militar tar-RDPK. Għalhekk Kim Yong Bok qed jimplimenta u jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2024
1902.	Alexey Vladislavovich GORSHKOV bir-Russu: Алексей Владиславович ГОРШКОВ	Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 8.11.1985 Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 525716364389 Entitajiet assoċjati: JSC 'Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M.A. Kartsev'	Alexey Gorshkov huwa l-eks Direttur Ġenerali ta' JSC 'Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M.A. Kartsev', istitut ta' riċerka bbażat fir-Russja u involut fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs). Dan ipproduċa diversi tipi differenti ta' UAVs, li ġew ittestjati jew ser jiġu ttestjati mill-forzi armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk Alexey Gorshkov qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk huwa assoċjat ma' JSC 'Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M.A. Kartsev'.	24.2.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1917.	Nshan Sergeevich GALUSTYAN bir-Russu: Ншан Сергеевич Галустян magħruf ukoll bħala Mikhail Sergeevich GALUSTYAN magħruf ukoll bħala Михаил Сергеевич ГАЛУСТЯН bl-Armen: Նշան Սերգեյի Գալուստյան magħruf ukoll bħala: Nshan Sergeyi Galustyan	Data tat-twelid: 25.10.1979 Post tat-twelid: Sochi, Krasnodar Territory, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa, Armena Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 232003782530	Nshan Galustyan huwa propagandist Russu, president ta' Federation of Military and Tactical Games u membru tal-maniġment ta' All-Russia 'Young Army' Military Patriotic Social Movement ('Yunarmiya'), organizzazzjoni paramilitari Russa soġġetta għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Ilu żmien twil jappoġġa lill-President Vladimir Putin u l-politiki tiegħu, u uża l-popolarità tiegħu biex ixerred messaġġi u narrattivi tal-propaganda tal-Kremlin. Nshan Galustyan huwa membru tal-maniġment ta' Yunarmiya, li topera fergħat reġjonali li jinsabu fit-territorji temporanjament okkupati illegalment tal-Ukrajna. Din torganizza wkoll ġbir ta' fondi u attivitajiet biex tappoġġa l-kumbattenti li jieħdu sehem fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Yunarmiya u l-membri tagħha jappoġġaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jxerrdu l-propaganda Russa dwar il-gwerra. Yunarmiya tuża s-simbolu militari 'Z', li jintuża mill-propaganda Russa biex tippromwovi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk Nshan Galustyan huwa direttament responsabbli għall-attivitajiet ta' organizzazzjoni li tippromwovi l-militarizzazzjoni taż-żgħażagħ Russi. Huwa jappoġġa l-ħolqien ta' kamp tat-taħriġ bil-ħsieb li jintuża għal logħbiet tattiċi militari u għat-taħriġ ta' voluntiera għal 'operazzjoni militari speċjali' mwettqa minn ġellieda li ħadu sehem fil-gwerra kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.2.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1931.	Konstantin Yuryevich NIKOLAYEV bir-Russu: Константин Юрьевич НИКОЛАЕВ	Funzjoni: Negozjant Russu Data tat-twelid: 5.3.1971 Post tat-twelid: Dnipropetrovsk, USSR (issa Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 771201297011	Konstantin Nikolayev huwa negozjant Russu b'interessi kummerċjali fil-kumpless militari u industrijali Russu. B'mod partikolari għandu interessi fil-kumpaniji Russi Promtekhnologiya LLC, ScanEx u Tula Cartridge Plant. Dawk il-kumpaniji jikkooperaw mas-servizzi militari u ta' sigurtà Russi, billi jfornulhom hardware militari li ntuża fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Konstantin Nikolayev jaħbi s-sjieda u l-interess tiegħu f'dawk in-negozji, fost oħrajn billi jpoġġi lil martu Svetlana Nikolayeva f'pożizzjonijiet maniġerjali viżibbli. Barra minn hekk permezz tan-negozji tiegħu huwa ffinanzja lil gruppi merċenarji li qed jiġġieldu għall-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna. Għalhekk Konstantin Nikolayev qed jappoġġa lill-Gvern Russu u jibbenefika minnu, u qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. Huwa qed jappoġġa wkoll lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	20.5.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1935.	Alexey Mikhaylovich YEFREMOV bir-Russu: Алексей Михайлович ЕФРЕМОВ magħruf ukoll bħala Alexey Mikhaylovich EFREMOV	Funzjoni: eks Direttur Ġenerali ta' State Unitary Enterprise 'State Grain Operator'; deputat tal-ħekk imsejħa assemblea leġiżlattiva tar-reġjun temporanjament okkupat ta' Zaporizhzhia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 615435962020 Entitajiet assoċjati: State Unitary Enterprise 'State Grain Operator'	Alexey Yefremov huwa l-eks Direttur Ġenerali ta' State Unitary Enterprise 'State Grain Operator', entità stabbilita mill-awtoritajiet okkupanti fir-reġjun okkupat illegalment ta' Zaporizhzhia tal-Ukrajna. SUE 'State Grain Operator' ilha mill-2022 tintegra l-faċilitajiet agrikoli lokali taċ-ċereali u tisfrutta l-produzzjoni tagħhom, għall-benefiċċju tal-awtoritajiet okkupanti. Alexey Yefremov ilu mill-2023 deputat għal United Russia tal-ħekk imsejħa assemblea leġiżlattiva tar-reġjun temporanjament okkupat ta' Zaporizhzhia. Għalhekk Alexey Yefremov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.5.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1958.	Ahmed KERIMOV	Nazzjonalità:Ażerbajġana Sess: raġel	Ahmed Kerimov huwa azzjonist ta' 2Rivers Group, grupp ta' negozju fiż-żejt ibbażat fl-Emirati Għarab Magħquda li qabel kien magħruf bħala Coral Energy, li jiffaċilita l-vjeġġi u l-esportazzjoni taż-żejt Russu, b'mod partikolari minn Rosneft, billi jaħbi l-oriġini reali taż-żejt. B'mod partikolari, 2Rivers Group jikkontrolla proporzjon kbir tal-bastimenti fl-hekk imsejħa 'flotta mistura' tar-Russja. 2Rivers Group għadu jopera l-istess network bħal Coral Energy, li jinkludi entitajiet assoċjati bħal Nord Axis u Bellatrix Energy, irrispettivament mill-bidla f'ismu u fis-sjieda tiegħu, kif jidher mill-konnessjoni bejn is-sid preċedenti u l-maniġment il-ġdid. 2Rivers Group għadu jwettaq l-attività tiegħu taħt l-isem Safira. Barra minn hekk is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk Ahmed Kerimov qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, b'mod partikolari l-Artikolu 3m. Huwa involut ukoll f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	19.7.2025

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2160/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1973.	Kirill Ramilievich ABDRAKHMANOV bir-Russu: Кирилл Рамилевич АБДРАХМАНОВ	Data tat-twelid: 4.11.1976 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 183105192203	Kirill Abdrakhmanov huwa l-eks Maniġer Ġenerali ta' JSC 'Sarapulsky Radiozavod', li tipprovdi sistemi u apparati mobbli fuq diversi pjattaformi. Il-prodotti tagħha jintużaw fit-trasportatur blindat tal-persunal Tiger-M u f'sistemi bħal 'Arbalet' u 'Akveduk', li kollha jintużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Kirill Abdrakhmanov irċieva ħafna premjijiet, inkluż il-midalja tas-Servizz Federali għall-Kooperazzjoni Militari Teknika 'għad-distinzjoni'. Għalhekk Kirill Abdrakhomanov kien qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk kien qed jappoġġa lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1979.	CHA Yong Beom magħruf ukoll bħala CHA Yong-bom magħruf ukoll bħala CHA Yong-pom bil-Korean: 차용범	Funzjoni: Viċi Ministru għad-Difiża Nazzjonali tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea Nazzjonalità: Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea Sess: raġel	Cha Yong Beom huwa Logutenent Ġeneral f'Korean People's Army of the Democratic People's Republic of Korea (DPRK). Huwa ġie identifikat bħala wieħed mill-kmandanti militari għolja tar-RDPK mibgħuta r-Russja flimkien mat-truppi tar-RDPK b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Wara li ntbagħat ir-Russja, Cha Yong Beom inħatar Viċi Ministru għad-Difiża Nazzjonali tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea. Minħabba l-iskjerament ta' Cha Yong Beom fir-Russja u l-involviment tiegħu fil-kooperazzjoni militari bejn ir-RDPK u r-Russja, huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u b'hekk dgħajjef u hedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1982.	Valery KILDIYAROV bir-Russu: Валерий КИЛЬДИЯРОВ	Funzjoni: Maniġer ta' Alghaf Marine DMCC; eks direttur tal-finanzi ta' Litasco Middle East DMCC Data tat-twelid: 14.6.1980 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Valery Kildiyarov huwa maniġer ta' Alghaf Marine DMCC, u eks direttur tal-finanzi ta' Litasco Middle East DMCC. Iż-żewġ kumpaniji jfornu volumi sinifikanti ta' żejt mhux maħdum Russu. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern Russu. Għalhekk Valery Kildiyarov huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk Valery Kildiyarov huwa assoċjat ma' Litasco Middle East DMCC.	15.12.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
